# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti Struttorja

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

Illum, 25 ta' Marzu 2021

**Il-Pulizija**
**(Spettur Janetta Grixti)**

**vs**

**Charles D'Amato**
**Lee Anne Borg**
**Kim Degabriele**
**Noel Degabriele**
**Philip Degabriele**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imsemmija:

**Charles D'Amato,** ta' 27 sena, iben Loreto u Maria Anne nee' Saliba u mwieled gewwa l-Pieta' nhar il-15 t'April 1993 u residenti fil-fond 105,

Triq San Benedettu, Qormi, detentur tal-karta tal-identita' numru 0180993M;

**Lee Anne Borg,** xebba Degabriele, ta' 37 sena, bint Martin Degabriele u Philippa nee' Micallef u mwielda gewwa l-Pieta' nhar it-08 ta' Frar 1983 u residenti fil-fond 193, Majestic Court East, Flat 1, Triq tas-Salib, Mellieha, detentrici tal-karta tal-identita' numru 0107383M;

**Kim Degabriele,** ta' 40 sena, iben Martin Degabriele u Philippa nee' Micallef, imwieled gewwa l-Pieta' nhar is-26 t'Awwissu 1980 u residenti fil-fond 72, Esperance, Flat 1, Triq tal-Mahznier, Luqa, detentur tal-karta tal-identita' numru 0405480M;

**Noel Degabriele,** ta' 24 sena, iben Martin Degabriele u Philippa nee' Micallef, imwieled gewwa l-Pieta' nhar is-07 ta' Dicembru 1996 u residenti fil-fond 12, Oasis, Triq Geraldu Spiteri, Luqa, detentur tal-karta tal-identita' numru 0016497M; u

**Philip Degabriele,** ta' 32 sena, iben Martin Degabriele u Philippa nee' Micallef, imwieled gewwa l-Pieta' nhar il-05 t'April 1988 u residenti fil-fond 9, La Stella, Triq Sir Ugo Mifsud, Luqa, detentur tal-karta tal-identita' numru 0169288M.

Akkuzati talli nhar id-09 t'April 2018, ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar (16:00hrs), jew ftit qabel jew ftit wara gewwa Triq il-Belt Valletta, Zurrieq, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni taghhom, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti;

1. **Talli;** involontarjament, ikkagunaw il-mewt ta' Elisaveta Danielova Avdala u ta' Koenraad Richard B. De Vrieze ai termini tal-Artikolu 225 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. **Talli;** involontarjament, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuni ta':
   a. Carla Castillo, moghtija n-numru uniku tal-isptar 106657F,
   b. Simon Morrison, moghti n-numru uniku tal-isptar 1066578F,
   c. Angela Andea Gachstetter, detentrici tal-karta tal-identita' Germaniza bin-numru LF5GCHI1NF, moghtija n-numru uniku tal-isptar 1066582F,
   d. Raydeep Singh, bin Devinder Singh, detentur tal-passaport Ingliz numru 652907283, moghti n-numru uniku tal-isptar 1066576F,
   e. Robert Butt, moghti n-numru uniku tal-isptar 1066577F,
   f. Michael Handerson, ta' nazzjonalita' Brittanika, moghti n-numru uniku tal-isptar 1066588F,
   g. Suzanne Handerson, ta' nazzjonalita' Brittanika, detentrici ta' passaport Brittaniku bin-numru 517329985, moghtija n-numru uniku tal-isptar 1066589F,
   h. Karam Raj Singh, bin Devinder Singh, detentur tal-passaport Ingliz bin-numru 652907283, moghti n-numru uniku tal-isptar 1066581F

Ai termini tal-Artikoli 215, 216, 218, 225, 226(1)(a)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. **Talli;** involontarjament, ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuni ta':
    a. Giuseppina Rossi, moghtija n-numru uniku tal-isptar 1066580F,
    b. Claude Auroy, moghti n-numru uniku tal-isptar 1066583F,
    c. Catherine Auroy, moghtija n-numru uniku tal-isptar 1066580F,
    d. Emilia Butt, moghtija n-numru uniku tal-isptar 1066585F,
    e. Giles Butt, moghti n-numru uniku tal-isptar 1066586F,
    f. Ralph Butt, moghti n-numru uniku tal-isptar 1066587F,
    g. Elaine Moreau, moghtija n-numru uniku tal-isptar 1066590F,
    h. Mireille Savart, moghtija n-numru uniku tal-isptar 1066591F,
    i. Hidegrade Devreese, il-mara tal-mejjet Richard Koenraad De Vriese, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 592-6535755-73, moghtija n-numru uniku tal-isptar 1066592F,
    j. Franklin Harris, moghti n-numru uniku tal-isptar 1066596F,
    k. Katy Butt, detentrici tal-passaport Brittaniku bin-numru 535896048, moghtija n-numru uniku tal-isptar 1066597F,
    l. Wendy Junker, moghtija n-numru uniku tal-isptar 1066598F,
    m. Christian Linaire, moghti n-numru uniku tal-isptar 1066606F

Ai termini tal-Artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. **Talli;** fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkagunaw hsara involontarja fuq il-vettura u cioe` xarabank 'double decker' bin-numru tar-registrazzjoni KPY-023 ghad-dannu tas-socjeta`

‘Sightseeing Malta Limited’ u dan ai termini tal-Artikolu 328(a) u (b) tal-Kap 9;

Lil **Charles D’Amato** akkuzat wahdu talli nhar id-09 t’April 2018, ghall-habta tal-erbgha ta’ wara nofsinhar (16:00hrs), jew ftit qabel jew ftit wara gewwa Triq il-Belt Valletta, Zurrieq:

5. **Talli;** ikkommetta sewqan perikoluz u traskurat u dan ai termini tal-Artikolu 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap 65;

6. **Talli;** fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, meta kien qed isuq jew jipprova jsuq, ma kellux il-kontroll ta’ vettura bil-mutur jew vettura ohra li tkun fit-triq jew f’post pubbliku iehor meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi u dan ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kap 65;

7. **Talli;** fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala haddiem, naqas li jissalvagwardja s-sahha u s-sigurta` tieghu nnifsu kif ukoll dik ta’ persuni ohra li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qieghed isir u dan ai termini tal-Artikolu (7) paragrafu (1) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Lil **Lee Anne Borg, Kim Degabriele, Noel Degabriele, Philip Degabriele** akkuzati wahedhom talli nhar id-09 t'April 2018, ghall-habta tal-erbgha ta' filghaxija jew tit qabel jew ftit wara:

8. Bhala persuni li jhaddmu, naqsu li jizguraw is-sahha u s-sigurta` tal-persuni kollha li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qieghed isir ghal dik il-persuna li thaddem u dan ai termini tal-Artikolu (6) paragrafu (1) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. **Talli;** fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala persuni li jhaddmu, naqsu li jiehdu l-mizuri li ghandhom jittiehdu minn min ihaddem biex jevita dannu fiziku u psikologiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xoghol u dan ai termini tal-Artikolu (6) paragrafu (2) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. **Talli;** fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala persuni li jhaddmu, naqsu li jipprovdu dik l-informazzjoni, dak it-taghlim, dak it-tahrig u dik is-supervizjoni li huma mehtiega biex tigi zgurata s-sahha u s-sigurta` fuq il-postijiet tax-xoghol u dan ai termini tal-Artikolu (6) paragrafu (3) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta;

11. **Talli;** fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala principal, jew il-persuna li mpjegat persuna ohra, full-time, part-time jew xorta ohra, b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqsu li

jinnotifikaw lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b'dan l-impjieg kif hemm fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (3a u 10) sussegwentement emendat b'Avviz Legali 144 ta' 1999. 424 ta' 2007 u 426 ta' 2012 rispettivament.

Ukoll il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li permezz ta' nota datata 26 ta' Frar 2021 l-Avukat Generali prezenta l-atti tal-inkjesta mizmuma b'referenza ghall-incident *de quo.*

Rat li f'din l-istess seduta d-difiza ecepiet il-preskrizzjoni ghal numru ta' imputazzjonijiet u dan ghaliex skont il-paragrafu (e) ta' l-artikolu 688 tal-Kap 9, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni "*bl-eghluq ta' sentejn ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew ghall-pieni tal-kontravenzjonijiet*".

Rat li f'dan l-istadju li l-Qorti trid issegwi dak li jipprovdi Artikolu 401 (4) tal-Kap 9 "*meta tkun qed tiddeciedi jekk ikunx jew ma jkunx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza l-Qorti ma ghandha tikkonsidra ebda kwistjoni ta' preskrizzjoni jew ta' xi eccezzjoni bhal dik imsemmija fl-artikolu 449(1)(d).*"

Rat li waqt l-udjenzi mizmuma nhar is-26 ta' Frar 2021 u it-12 ta' Marzu 2021, wara li l-Qorti semghet xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni, il-kawza giet differita ghat-23 ta' Marzu 2021 ghat-trattazzjoni dwar jekk, in bazi ghall-provi migbura sa dak inhar, kienx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputati jitqieghdu taht att ta' akkuza (*prima facie*).

Rat li waqt l-istess udjenza l-Qorti tat zmien lill-Prosekuzzjoni sas-17 ta' Marzu 2021 u lid-Difiza sat-22 ta' Marzu 2021 biex jaghmlu sottomissjonijiet bil-kitba dwar jekk hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputati jitqeghdu taht att ta' akkuza.

Rat n-nota tal-Prosekuzzjoni tas-17 ta' Marzu 2021 u dik tad-difiza ghan-nom ta' Charles D'Amato u ghan-nom ta' Lee Anne Borg, Kim Degabriele, Noel Degabriele u Philip Degabriele tat-22 ta' Marzu 2021.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma fit-23 ta' Marzu 2021 semghet is-sottomissjonijiet ta' l-ufficjal prosekutur min-naha u ta' Dr Amadeus Cachia u Dr Alessia Zammit Mckeon minn naha l-ohra.

Rat l-atti processwali.

Rat ir-rapporti fl-atti tal-inkjesta mizmuma b'referenza ghall-incident de quo u x-xhieda:

Dr. Etienne Muscat (a fol 121); Edwin Lanfranco (a fol 125); Perit Mario Cassar (a fol 130); Dr. Steven Farrugia Sacco (a fol 152); Profs. Marie Therese Camilleri & Dr. Ali Sarfraz (a fol 328); PS385 Emanuel Dalli (a fol 343); Dr. Lennox Vella (a fol 540); Caroline Legault Forest (a fol 551); Mihai-George Mocioace (a fol 553); Anca-Georgiane Mocioace (a fol 555); Razvan-Alexandru Proca (a fol 556); Petruta-Raluca Proca (a fol 557); Antonia-Georgiana Mocioace (a fol 558); Riana-Maria Proca (a fol 559); Gjermund Soa Berg-Guttormsen (a fol 560); Mette Moa Berg-Guttormsen (a fol 563); Samantha R. Bolger (a fol 565); Paul Michael Hugget (a fol 567); Andrea Angela Gachstetter (a fol 568); Ausra Bertasiute (a fol 586); Devinder Singh (a fol 569); Rajwinder Kaur (a fol 571); Dr. Steven Farrugia Sacco (a fol 621); Dr. Richard Sladden (a fol 682); Melissa Carthin Felice (a fol 715); Leesa Cutler (a fol 719); Gerilinde Platzer (a fol 723); Marcus Neubauer (a fol 726); Kloasje Kuiers (a fol 729); Irena Bertasiute (a fol 732); Leonie Van De Lisdand (a fol 735); Michel Handerson (a fol 738); Hidegrade Devreese (a fol 741); Suzanne Handerson (a fol 747); Daniel Nico Sagart (a fol 756); Katherine Stella Mary Butt (a fol 763); Dr. Mario Scerri (a fol 790); Mario Buttigieg (a fol 989); Charles D'Amato (a fol 1051); Vince Micallef Pule (a fol 1052); Mario Attard (a fol 1052A); Charles D'Amato (a fol 1054); Kim Degabriele (a fol 1055); Dr. Steven Farrugia Sacco (a fol 1069); Dr. Michael Scott-Ham (a fol 1081); Dr. Steven Farrugia Sacco

(a fol 1096); Dr. Glenna Montfort (a fol 1131); Vanessa Camilleri (a fol 1133); Claudette Fenech (a fol 1140); Brian Farrugia (a fol 1158); Joseph Saliba (a fol 1177 & fol 1189).

**Ikkunsidrat**

Illi dawn il-proceduri jirrigwardaw incident tat-traffiku li sehh nhar id-9 ta' April 2018 wara nofsinnhar gewwa Triq il-Belt Valletta, Zurrieq. F'dan l-incident tilfu hajjithom Elisaveta Danielova Avdala u Koenraad Richard B. De Vrieze.

L-imputati fil-fatt qed jigu addebietati:

- **bl-omicidju involontarju** ta'l-imsemmija Elisaveta Danielova Avdala u Koenraad Richard B. De Vrieze;

- **bil-griehi gravi** ta' l-imsemmija:

a. Carla Castillo, moghtija n-numru uniku tal-isptar 106657F,
b. Simon Morrison, moghti n-numru uniku tal-isptar 1066578F,
c. Angela Andea Gachstetter, detentrici tal-karta tal-identita' Germaniza bin-numru LF5GCHI1NF, moghtija n-numru uniku tal-isptar 1066582F,
d. Raydeep Singh, bin Devinder Singh, detentur tal-passaport Ingliz numru 652907283, moghti n-numru uniku tal-isptar 1066576F,

e. Robert Butt, moghti n-numru uniku tal-isptar 1066577F,
f. Michael Handerson, ta' nazzjonalita' Brittanika, moghti n-numru uniku tal-isptar 1066588F,
g. Suzanne Handerson, ta' nazzjonalita' Brittanika, detentrici ta' passaport Brittaniku bin-numru 517329985, moghtija n-numru uniku tal-isptar 1066589F,
h. Karam Raj Singh, bin Devinder Singh, detentur tal-passaport Ingliz bin-numru 652907283, moghti n-numru uniku tal-isptar 1066581F

- **Bil-griehi hfief** ta' l-imsemmija:

a. Giuseppina Rossi, moghtija n-numru uniku tal-isptar 1066580F,
b. Claude Auroy, moghti n-numru uniku tal-isptar 1066583F,
c. Catherine Auroy, moghtija n-numru uniku tal-isptar 1066580F,
d. Emilia Butt, moghtija n-numru uniku tal-isptar 1066585F,
e. Giles Butt, moghti n-numru uniku tal-isptar 1066586F,
f. Ralph Butt, moghti n-numru uniku tal-isptar 1066587F,
g. Elaine Moreau, moghtija n-numru uniku tal-isptar 1066590F,
h. Mireille Savart, moghtija n-numru uniku tal-isptar 1066591F,
i. Hidegrade Devreese, il-mara tal-mejjet Richard Koenraad De Vriese, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 592-6535755-73, moghtija n-numru uniku tal-isptar 1066592F,
j. Franklin Harris, moghti n-numru uniku tal-isptar 1066596F,
k. Katy Butt, detentrici tal-passaport Brittaniku bin-numru 535896048, moghtija n-numru uniku tal-isptar 1066597F,

l. Wendy Junker, moghtija n-numru uniku tal-isptar 1066598F,

m. Christian Linaire, moghti n-numru uniku tal-isptar 1066606F

- Akkuzi dwar ir-**regolamenti tat-traffiku** ai termini tal-Kap 65
- Akkuzi dwar is-**sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol** ai termini tal-Kap 424

Illi permezz ta' dan id-digriet irid jigi deciz jekk hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputati jitpoggew taht att ta' akkuza, cioe l-ezercizju impost fuq il-Qorti Struttorja ai termini tal-artikolu 401(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jipprovdi hekk:

> *Meta tingħalaq il-kompilazzjoni, il-qorti tiddeċidi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża. Fl-ewwel każ, il-qorti, tibgħat l-imputat biex jitqiegħed taħt dak l-att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali, u, fit-tieni każ, tordna l-liberazzjoni tiegħu.*

Illi ghandu jigi rilevat ad inizio li din id-dispozizzjoni ma tirreferix ghall-*provi bizzejjed* izda *ragunijiet bizzejjed*, u dawn iridu jkun ragunijiet bizzejjed *biex l-imputat jitpogga taht att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali*. Ghalhekk f'dan l-istadju din il-Qorti, Qorti Struttorja, m'ghandiex il-kompitu li tiddeciedi a bazi tal-provi prodotti u l-evalwazzjoni approfondita taghhom, jekk l-imputati humiex hatja jew

le ta' l-imputazzjoni lilhom addebitata. Fil-fatt fis-sentenza mghotija fil-kawza **Carmel u Helen konjugi Galea vs Il-Kummissarju tal-Pulizja**[1] il-Qorti Kriminali qalet li l-Qorti tal-Magistrati f'dak il-kaz[2] ma kelliex il-kompitu li tiddeciedi, b'applikazzjoni tal-principji u regoli enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali, x'temmen jew lil min temmen. Imma li l-kompitu tal-Qorti tal-Magistrati f'dak il-kaz kien semplicement li tara jekk kienx hemm kaz *prima facie*. Il-Qorti Kriminali kompliet biex tghid li dan il-grad *prima facie* huwa *l-istess grad ta' prova, li l-Qorti Istruttorja hija mistennija li ssib biex tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex imputat jitqieghed taht att ta' akkuza*.

Illi dan il-principju, u cioe li l-grad ta' prova rikjest fl-ezercizju li trid taghmel il-Qorti Struttorja ma' l-eghluq tal-kumpilazzjoni huwa wiehed *prima facie*, huwa assodat fis-sistema gudizzjarja taghna u m'ghandux ikun hemm dubbji fir-rigward. Il-Qorti Kostituzzjonali ukoll kellha opportunita li taghmel ezami approfondit ta' dak li jirrikjedi dan l-artikolu 401(2). Fil-kawza **Mark Charles Kenneth Stephens vs l-Avukat Generali**[3] dik il-Qorti qalet hekk:

> *F'gheluq il-kumpilazzjoni – u ghalhekk meta issa kienu nstemghu l-provi mressqa mill-prosekuzzjoni ... – dik il-Qorti waslet fl-istadju li tiddeciedi jekk hemmx jew le "ragunijiet bizzejjed biex l-imputat*

---

[1] Deciza fid-19 ta' Awissu 2004.

[2] Dak kien kaz ta' *challenge* ai termini ta'l-artikoli 541(3) tal-Kaptitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

[3] Deciza f'l-14 ta' Frar 2006.

*jitqieghed taht att ta' akkuza" (Art. 401(2), Kap. 9). ... .... ... ... il-Qorti Istruttorja m'ghandhiex tuzurpa l-funzjoni ta' Qrati ohra ta' Gustizzja Kriminali. Dak li huwa kien qed jitlob li l-Qorti Istruttorja tiddeciedi fl-istadju kontemplat fl-Artikolu 401(2) kien jekk kienx hemm il-presupposti fattwali li a bazi taghhom jista' jinghad li hemm "ragunijiet bizzejjed" biex huwa jitqieghed taht att ta' akkuza.*

*Ghalkemm generalment jinghad li l-Qorti Istruttorja, fl-istadju kontemplat fl-imsemmi Artikolu 401(2), tiddeciedi fuq bazi prima facie, dan ma jfissirx li d-decizjoni hija wahda "superficjali". Ifisser biss li, jekk ikun hemm provi mressqa mill-prosekuzzjoni li a bazi taghhom l-imputat jista' jinstab hati ta' reat fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali, anke jekk hemm provi ohra li jistghu igibu fix-xejn dawk il-provi, il-Qorti Istruttorja ghandha xorta wahda tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza – ghax altrimenti l-Qorti Istruttorja tkun qed taghmel apprezzament tal-provi li jispetta biss lill-Qorti Kriminali jew lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.* ***Pero` huwa certament fil-kompetenza tal-Qorti Istruttorja li tara jekk hemmx il-presupposti fattwali kollha tar-reat addebitat (jew ta' xi reat kompriz u involut f'dak addebitat), cioe` li l-elementi kollha tar-reat ikunu jirrizultaw*[4] *imqar fuq bazi ta' probabbilita`. L-ezempju klassiku huwa ta' persuna li tigi akkuzata bir-ricettazzjoni ta' oggett allegatament misruq: jekk fi tmiem il-*

---

[4] Enfasi ta' din il-Qorti.

*kumpilazzjoni, minkejja kull prova dwar il-prezz irrizorju li bih l-oggett ikun inxtara mill-imputat, jew dwar xi jkun haseb l-imputat fir-rigward tal-provenjenza tal-oggett li jkun xtara, ma jkunx hemm prova li l-oggett kien fil-fatt misruq, il-Qorti Istruttorja tkun altru milli gustifikata li tiddeciedi li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza. Il-presupposti fattwali jigu nieqsa wkoll jekk il-fatti li jkunu rrizultaw matul il-kumpilazzjoni ma jkunux jammontaw ghar-reat addebitat, … …*

Illi ghalhekk l-ezercizju li trid taghmel il-Qorti Struttorja wara l-eghluq tal-kumpilazzjoni huwa li tiddeciedi jekk a bazi ta' provi prodotti sa dak l-istadju, jirrizultawx, *prima facie*, l-elementi kollha tar-reati li bihom qed jigi abbeditat l-imputat, u jekk a bazi ta' dawk l-istess provi jistax, *prima facie*, dak l-imputat jinstab hati ta' dawk ir-reati. Aktar minn hekk, u kuntrarjament ghall-principju li (f'evalwazzjoni tal-provi biex tigi stabbilita l-htija o meno tal-imputat fid-decizjoni finali li tiehu Qorti ta' Gudikatura Kriminali) *in Istruttorja tiddeciedi fl-istadju kontemplat fl-Artikolu 401(2) kien jekk kienx hemm il-presupposti fattwali li a bazi taghhom jista' jinghad li hemm "ragunijiet bizzejjed" biex huwa jitqieghed taht att ta' akkuza.*

Illi dwar x'inhi "prova *prima facie*" kellha opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti Kriminali fis-sentenza mghotija fil-kawza **Anthony**

**Xuereb vs Il-Kummissarju tal-Pulzija**[5]. Hemm, dik il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li prova *prima facie* tikkomporta oneru anqas minn dak tal-probabbli pero aktar minn dak tal-possibbli, oneru li jista' jigi deskritt bhala *a case to answer*. Il-Qorti Kriminali qalet hekk:

> *Din il-Qorti pero' jidhrilha illi f'dan il-kaz il-grad ta' prova rikjest huwa anqas minn dak ta' probabilita' w taghmel referenza ghall-awtur Blackstone (at D6.21) meta jghid "thus, the standard of proof the prosecution are now required to satisfy at committal proceedings is very low, lower than that resting on plaintiff in civil proceedings. It is commonly expressed as establishing a prima facie case or case to answer."*
>
> *Ghad li hawnhekk Blackstone qed jirreferi ghall-"committal proceedings" u cioe' l-Istruttorja, l-anologija ghandha tapplika ghal dan il-kaz.*
>
> *Fil-kaz ta' kumpilazzjoni, l-Magistrat ma joqghodx jidhol fil-meritu tax-xhieda prodotta w jekk iwasslux ghall-htija jew le, lanqas sal-grad tal-probabbli imma biss jara jekk jezistux ragunijiet (fit-test Ingliz "grounds") sabiex jibghat l-atti lill-Avukat Generali ghall-konsiderazzjoni ulterjuri tieghu.*

---

[5] Deciza 23 ta' Settembru 2010. Din ukoll kienet sentenza fuq procedura ta' *challenge* ai termini ta' l-artikolu 541 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fiha il-Qorti Kriminali ezaminat dak rikjest mill-Qorti Struttorja f'l-istadju deskritt f'l-artikolu 401(2) tal-Kapitolu 9 u applikatu b'analogija ghall-procedura tac-*challenge.*

*Hija importanti illi f'dan il-kaz il-Qorti ma tikkunsidrax ix-xhieda (evidence) izda biss tara jekk jezistux ragunijiet (the grounds) li huwa differenti minn kunsiderazzjoni tax-xhieda w dawn ir-ragunijiet huwa f'livell aktar baxx minn dak tal-probabbli.*

*Naturalment ma nistghux immorru l-estrem l-iehor u naslu biex nallokaw il-grad ta' prima facie ghal dak illi huwa possibbli jew suspettuz. Fil-fatt f'R. Vs Codan, Qorti Kanadiza, meta kienet qed tiddiskuti l-vera tifsira tal-kliem prima facie qalet "the mere possibility or suspicion that an accused is guilty is not enough to warrant his committal for trial. The crown, however, need only show in the preliminary enquiry that the accused is probably guilty and any doubt in this respect should be resolved in favour of committal".*

*Din is-sentenza tidher illi qed tezigi grad ta' prova ftit ghola minn dak illi jghallem il-Blackstone, fejn, skond hu, l-prima facie hija "lower than that resting on a plaintiff in civil proceedings".*

*Il-Qrati Maltin pero' donnhom sabu t-triq tan-nofs u meta jikkonsidraw provi prima facie, haga komuni hafna fil-kamp kriminali, ghal dak li hu l-Istruttorja, jekk il-Magistrat jidhirlu illi provi migjuba quddiemu jisthoqqilhom aktar investigazzjoni, allura f'dak il-kaz huwa bizzejjed sabiex il-grad ta' prima facie jigi milhuq u l-kawza tkun tista' titkompla.*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, dak li jrid jigi stabbilit minn din il-Qorti (Qorti Struttorja), f'dan l-istadju huwa jekk, fil-konfront ta' kull wiehed mill-imputati, a bazi tal-provi prodotti, jirrizultawx, *prima facie*, l-elementi kollha tar-reat li bih qed jigu addebitati l-istess imputati u dan fil-konfront ta' kull wiehed minnhom, u jekk a bazi ta' dawk l-istess provi jistax, *prima facie*, dak l-imputat jinstab hati ta' dak ir-reat. Fi kliem iehor jekk fil-konfront ta' kull wiehed mill-imputati jezistux l-elementi kollha tar-reat in ezami u jekk hemmx *a case to answer*.

Dwar x'tikkostitwixxi l-prova *prima facie*, il-Qrati taghna kellhom l-opportunità li jippronunzjaw ruhhom f'numru ta' digrieti. Fid-digriet li nghata fil-proceduri fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Ian Joseph Abdilla) vs. Giovanni Calcaterra**[6], ikkunsidrat illi:

> *"**l-grad tal-prima faciae huwa grad li jrid jikkonvinci lil din il-Qorti Istruttorja, li in bazi ghall-provi prodotti sa' dak il-punt tal-eghluq tal-kumpilazzjoni tal-provi skont l-Artikolu 401(1) tal-Kodici Kriminali, l-elementi kollha tar-reat/i kontestati jkunu jirrizultaw imqar fuq bazi ta' probabbilta.** Din l-interpretazzjoni dwar it-tifsira tal-kuncett tal-prima faciae giet abbraccjata kemm mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri fis-sentenza "Il-Pulizija vs. Fatiha Khallouf", deciza nhar*

[6] Il-Pulizija (Spettur Ian Joseph Abdilla) vs. Giovanni Calcaterra, deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, fit-18 ta' Dicembru 2013 moghti mil-Magistrat (illum Imhallef) Aaron Bugeja.

*il-25 ta' Settembru 2001, kif ukoll aktar recenti mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Mark Charles Kenneth Stephens vs. Avukat Generali" deciza nhar l-14 ta' Frar 2006, fejn inter alia inghad testwalment:*

*Ghalkemm generalment jinghad li l-Qorti Istruttorja, fl-istadju kontemplat fl-imsemmi Artikolu 401(2), tiddeciedi fuq bazi prima facie,* ***dan ma jfissirx li d-decizjoni hija wahda "superficjali"****. Ifisser biss li, jekk ikun hemm provi mressqa mill-prosekuzzjoni li a bazi taghhom l-imputat jista' jinstab hati ta' reat fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali, anke jekk hemm provi ohra li jistghu igibu fix-xejn dawk il-provi, il-Qorti Istruttorja ghandha xorta wahda tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza - ghax altrimenti l-Qorti Istruttorja tkun qed taghmel apprezzament tal-provi li jispetta biss lill-Qorti Kriminali jew lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.* ***<u>Pero' huwa certament fil-kompetenza tal-Qorti Istruttorja li tara jekk hemmx il-presupposti fattwali kollha tar-reat addebitat (jew ta' xi reat kompriz u involut f'dak addebitat), cioè li l-elementi kollha tar-reat ikunu jirrizultaw imqar fuq bazi ta' probabbilità.</u> L-ezempju klassiku huwa ta' persuna li tigi akkuzata bir-ricettazzjoni ta' oggett allegatament misruq: jekk fi tmiem il-kumpilazzjoni, minkejja kull prova dwar il-prezz irrizorju li bih l-oggett ikun inxtara mill-imputat, jew dwar xi jkun haseb l-imputat fir-rigward tal-***

***provenjenza tal-oggett li jkun xtara, ma jkunx hemm prova li l-oggett kien fil-fatt misruq, <u>il-Qorti Istruttorja tkun altru milli gustifikata li tiddeciedi li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza</u>. Il-presupposti fattwali jigu nieqsa wkoll jekk il-fatti li jkunu rrizultaw matul il-kumpilazzjoni ma jkunux jammontaw ghar-reat addebitat,*** *jew, bhalma qed jigi allegat f'dan il-kaz, ma jkunux jammontaw ghal reat taht il-ligi penali ta' Malta. Hekk, per ezempju, jekk l-imputat jigi akkuzat li seraq karozza, izda mill-provi jkun irrizulta li huwa veru seraq karozza, izda li s-serqa giet imwettqa f'pajjiz barra minn Malta u mhux f'Malta, il-Qorti Istruttorja tkun gustifikata tiddeciedi li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza.*

[...]

*F'dan il-kaz il-Qorti gharblet il-provi migbura s'issa u tinnota li hemm altru minn suspett ragjonevoli li l-imputat jista' jkun involut fil-kommissjoni ta' xi reati ipotizzati fil-konfront tieghu.* ***<u>Izda dan, fl-umli fehma tal-Qorti mhux sufficjenti biex iwassal sal-grad li trid il-Ligi u li hawn fuq imsemmi mill-Qorti Kostituzzjonali - in bazi ghall-provi prodotti s'issa</u>***".

F'digriet iehor li nghata fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Decelis**[7], il-Qorti uzat il-frazi "*at face value*" sabiex tfisser il-grad ta' prova li ghandu jigi kunsidrat minnha:

> ***"L-ezercizzju li ghandha taghmel il-Qorti hu li tara jekk <u>meta tiehu l-provi at their face value minghajr diskwizzjonijiet profondi jew ezercizzju ta' apprezzament ta' kredibilità o meno ta' xhieda minghajr ma tipprova tirrisolvi dak li jista' jidrilha li jammontaw ghal kontrasti jew kontradizzjonijiet.</u> Il-Qorti ghandha tiehu l-provi bhal li huma dawk li jidhru li huma u taccettahom at their face value, imbaghad il-Qorti trid tiddeciedi jekk f'dan kollu tirriskontrax ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht Att ta' Akkuza".***

F'digriet ricenti fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Gianluca Caruana Curren u Charles Joseph Mercieca**[8], (minbarra li citat d-digriet surreferit Il-**Pulizija vs. Giovanni Calcaterra**), ghamlet referenza ukoll ghad-digriet li nghata fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Meinrad Calleja** fejn intqal li:

> ***"efftivament japplika grad ta' prova ferm inqas fejn id-dubbju li jista' jkun hemm ghandu jkun relatat biss jekk***

---

[7] Il-Pulizija vs. Carmel Decelis, deciz fil-15 ta' Gunju 2001.

[8] Il-Pulizija (Supretendent James Grech, Spettur Anthony Scerri) deciz fit-3 ta' Marzu 2021, moghti mill-Magistrat Natasha Galea Sciberras.

*hemmx jew ma hemmx ragunijiet prima facie biex l-imputat jitpogga taht Att ta' Akkuza."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Joseph Busuttil) vs. Robert Sant et**[9] fid-digriet, il-Qorti qalet:

***"applikat dawn il-principji ghall-kaz in ezami, dak li jrid jigi stabbilit minn din il-Qorti (Qorti Struttorja), f'dan l-istadju huwa jekk, fil-konfront ta' kull wiehed mill-imputati, a bazi tal-provi prodotti, jirrizultawx, prima facie, l-elementi kollha tar-reat li bih qed jigu addebietati l-istess imputati u dan fil-konfront ta' kull wiehed minnhom, u jekk a bazi ta' dawk l-istess provi jistax, prima facie, dak l-imputat jinstab hati ta' dak ir-reat. Fi kliem iehor, jekk fil-konfront ta' kull wiehed mill-imputati jezistux l-elementi kollha tar-reat in ezami u jekk hemmx a case to answer."***

Din il-Qorti abbraccjat dan fid-digriet taghha fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs. Mario Cardona** fil-Qorti tal-Magistrati f'Ghawdex.

Finalment issir referenza ghal dak li ddecidiet l-Qorti Kriminali fil-kaz fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Anthony Borg** (digriet moghti mill-Imhallef

---

[9] Il-Pulizija (Spettur Joseph Busuttil) vs. Robert Sant et, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-10 ta' Dicembru 2014, moghti mill-Magistrat Doreen Clarke.

Edwina Grima fid-29 ta' Novembru 2017) fejn qalet hekk dwar sitwazzjoni bhal ma tinsab fiha din il-Qorti:

> *Illi kien hawn, fil-fehma ta' din il-Qorti, illi errat l-Qorti Istruttorja ghaliex, wara l-esposizzjoni legali mirquma u dettaljata maghmula minnha kellu ikun evidenti* ***illi dak li kellha tistabbilixxi f'dan l-istadju ta'l-Istruttorja ma kienx jekk kienx hemm provi li iwasslu ghar-reita u cioe' provi li jorbtu lill-intimat mal-kummissjoni tar-reat izda jekk, kif inghad, mal-ewwel daqqa t'ghajn jistax jkun illi l-intimat seta kien involut fil-kummissjoni ta' dan ir-reat u li allura hemmx lok ghal investigazzjoni ulterjuri min naha tal-Qorti.***[10]

**Ikkunisdrat**

Illi r-reat ewlieni li bih qed jigu addebitati l-imputati huwa l-omicidju involontarju ta' Elisaveta Danielova Avdala u Koenraad Richard B. De Vrieze.

Illi biex jissussisti r-reat ta' omicidju involontarju hemm bzonn:

> *li tirrikorri* **kondotta volontarja negligenti** *konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza, traskuragni, jew ta' hila (imperizja) f'l-arti jew professjoni, jew*

[10] Enfasi ta' din il-Qorti

*konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti u ordnijiet* ***li tkun segwieta b' ness ta' kawzalita minn akkadut dannuz involontarju***[11]*. Ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe', illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali; kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret*[12].

Illi dan il-principju huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Il-Qorti ta'l-Appell Kriminali f'sentenza aktar ricenti minn dik hawn fuq kwotata, wara li ghamlet referenza ghall-bran hawn fuq riprodott esprimiet ruhha hekk:

*Kif jispjega l-gurista Taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika -- cioe' l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari -- tghallem li f'dawn il-kazijiet*

[11] Sottolinear ta'din il-Qorti.
[12] Ref Pulizija vs Louis Portelli Appell Kriminali deciza 04.02.1961.

*wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.*

*"Sorgono per tal modo," ikompli dan l-awtur, "delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi socjali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi....Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi' formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche' nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322- 323).*

*Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizzjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' hsieb", "traskuragni", u "nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni", fil-waqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem "nuqqas ta' tharis ta' regolamenti". Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti il-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi ukoll ghal dawk ir-regolamenti promulgati minn enti privati (per ez., ir-regolamenti infassra minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull minn jahdem jew jidhol f'dik il-fabbrika). In fatti, kemm fil-Codice Zanardelli kif ukoll fil-Codice Rocco, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline". Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke fil-kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament imprudenti jew negligenti mhux biss min jitraskura li jiehu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja tal-hajja, izda wkoll min jitraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita'.*

*…. Jekk l-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi negazzjoni ta' din il-virtu, tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li messu preveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certu non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet pero, il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta'l-intenzjoni pozittiva indiretta.*[13]

Illi f'sentenza ohra taghha[14], il-Qorti tal-Appell Kriminali regghet ghamlet ezami approfondit tad-dottrina u gurisprudenza in tema u wara li rriaffermat dak li qalet il-Qorti fis-sentenza Il-**Pulizija vs Louis Portelli**[15] kompliet hekk:

*Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz, hemm necessarjament l-element ta' attivita' diretta ghal xi fini partikolari li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjonijiet jistghu jigu lezi jew danneggjati jew ippregudikati l-interessi ta' terzi ...*

---

[13] Il-Pulizija vs Richard Grech deciza 21.03.1996.

[14] Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg deciza 31.07.1998.

[15] Op cit.

*Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn atti ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non-osservanza ta' ligijiet, regolament, ordnijiet u simili: L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli. In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkortezza ta' l-agent fil-kondotta tieghu. L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali, cioe, kif jghid il-Manzini: "inettitudine e insufficienza professionale generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto."*

*Il-kulpa tista' tkun dovuta ukoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta'regoli predisposti mill-awtorita' pubblika dwar xi attivita' determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita' ta'hsara u dannu lil terzi, cioe', dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni, ....*

*Taht dawn il-forom ta' kondotta kolpuza sia minhabba imprudenza, negligenza, u imperizja, sia minhabba nuqqas ta'osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, hemm differenza essenzjali, dik tal-prevedibilita'. Il-prevedibilita' tibqa essenzjali taht kull forma ta'kulpa, izda fi gradi differenti. Hi tibqa dejjem il-nota saljenti f'kull forma ta' kondotta kolpuza, izda ghandha gradi differenti f'kull kaz ta'imprudenza, negligenza u imperizja, mentre hija prezunta fil-forma l-ohra fejn si tratta ta'reati minhabba non-osservanza ta' ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili. F'dawn il-kazijiet mhux possibbli jew ammess lill-agent li jressaq prova ghal kuntrarju. Hija*

*hawnhekk prezunzjoni assoluta. Ma jistghax l-agent jghid li dak l-event dannuz li gara minhabba in-nuqqas ta'osservanza da parti tieghu ta' xi regolament ma kienx wiehed prevedibbli ghalih. Kif jghidu diversi awturi, dan hu kaz fejn dan l-element tal-prevedibilita' tal-legislatur qed jissosstitwixxi dik ta' l-agent. Hu precizament ghalhekk li kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta voluntarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat b'l-uzu ta'attenzjoni jew prudenza fi grad ta'persuna normali.*

**Ikkunsidrat**

Illi stabbilit dan, il-Qorti issa trid tghaddi biex tara jekk, a bazi tal-provi prodotti, tirrizultax, *prima facie*, "kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza, traskuragni, jew ta' hila (imperizja) f'l-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti u ordnijiet li tkun segwieta b'ness ta' kawzalita minn akkadut dannuz involontarju"; fil-kaz in ezami ness bejn il-kondotta volontarja ta' kull imputat u l-mewt ta' Elisaveta Danielova Avdala u Koenraad Richard B. De Vrieze, u jekk a bazi ta' dawk l-istess provi jistax, *prima facie*, dak l-imputat jinstab hati ta' dak ir-reat. Dan kollu, kif diga ntqal, irid jirrizulta fi grad anqas mill-probabli imma oghla mill-possibbli. Fi kliem iehor jekk il-Qorti jidhrilha li, fil-konfront ta' kull imputat individwali, il-provi jisthoqqilhom aktar investigazzjoni,

li hemm *a case to answer,* allura ghandu jinghad li hemm ragunijiet bizzejjed biex dawk l-imputati jitpoggew taht att ta' akkuza.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dan l-istadju huwa opportun li ssir referenza ghall-imputati biex jigi stabbilit l-involviment u r-rwol li kull wiehed u wahda minnhom kellu jekk kellu fil-mewt ta' Elisaveta Danielova Avdala u Koenraad Richard B. De Vrieze :

- Charles D'Amato, xufier tal-vettura involuta fl-incident;
- Lee Anne Borg, Kim Degabriele, Noel Degabriele u Philip Degabriele kienu diretturi tas-socjeta City Sightseeing Malta Limited, propjetarji tal-vettura tal-marka Dennis tip Trident II, double decker bin-numru tar-registrazzjoni KPY023;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li f'dan l-istadju ghandha tirrileva ukoll li l-prosekuzzjoni qed issejjes il-kaz taghha fuq il-provi li ngabru waqt l-inkjesta, u fuq il-kostatazjonijiet u l-konkluzzjonijiet li waslu ghalihom l-esperti kollha nominati f'l-inkjesta pero b'mod partikolari l-konkluzzjonijiet ta' l-espert tekniku Dottor Mario Buttigieg liema espert zamm diversi accessi fuq is-sit u l-vettura in ezami biex ikun jista' jaghmel diversi kostatazzjonijiet fattwali in situ imma anke sema' x-xhieda ukoll, l-espert mediku forensiku Dottor Mario Scerri dwar il-

griehi li kellhom il-vittmi u dik ta' l-espert tat-tossikologija Dr Michael Scott-Ham.

Fil-fatt l-unici persuni li xehdu quddiem din il-Qorti kienu l-ufficjali tal-pulizija Assistent Kummissarju Sandro Gatt[16], Supretendenti Johann J. Fenech[17] u Josric Mifsud[18], l-Ispetturi Pierre-Guido Saliba u Malcolm Sammut[19], l-ex PS1298 Lambert Zammit[20] u t-tabib Jonathan Joslin[21].

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi migbura u mill-kostatazzjonijiet tal-esperti Dr Mario Scerri u Dr Jonathan Joslin m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-mewt ta' Elisaveta Danielova Avdala u Koenraad Richard B. De Vrieze gew ikkawzati fl-incident tat-traffiku waqt li kienu riekba fuq il-parti ta' fuq tal-vettura cioe` xarabank 'double decker' bin-numru tar-registrazzjoni KPY-023.

Dwar Elisaveta Danielova Avdala l-esperti **Prof Marie Therese Camilleri u Dr Sarfaz Ali** kkonkludew li *"the cause of death of this lady is certified as being due to multiple head injuries consistent with blunt trauma."*

---

[16] Seduta tat-12 ta' Marzu 2021
[17] Seduta tas-26 ta' Frar 2021
[18] Seduta tat-12 ta' Marzu 2021
[19] Seduta tat-12 ta' Marzu 2021
[20] Seduta tas-26 ta' Frar 2021
[21] Seduta tat-12 ta' Marzu 2021

Dwar Koenraad Richard B. De Vrieze l-esperti **<u>Prof Marie Therese Camilleri u Dr Sarfaz Ali</u>** kkonkludew li *"the cause of death of this gentleman is certified as being due to multiple head injuries consistent with blunt trauma."*

Illi x'wassal ghal dan jirrizulta mir-relazzjoni tal-**<u>Perit Mario Cassar</u>** li:

> *"fuq il-lok tal-incident kien hemm vettura tat-tip Double Decker, bin-numru ta' registrazzjoni KPY 023. Illi kienet fuq tour tat-turisti, mal-gzira. Ill-kejl illi l-esponent ha fuq il-post, il-vettura kienet 67.38 metri 'l boghod minn sigra, illi fuq fergha kellha brix frisk, u li kien evidenti illi maghha l-istess vettura kellha impatt … illi parti mill-faccata tal-vettura, fuq in-naha tal-lemin, meta wiehed ihares mill-faccata, kellha impatt ma' fergha ta' sigra, ma' liema impatt il-handrail ta' fuq il-lemin tal-parti miftuha tal-vettura, gie 'miknus' lura, bil-konsegwenza illi kkaguna l-mewt taz-zewg vittmi."*

L-**<u>Avukat Mario Buttigieg</u>**; dwar l-incident kkonstata li:

> *Illi meta D'Amato kien ghaddej lura u kien sejjer lura lejn Pembroke hu qabad Triq il-Belt Valletta. Illi kif D'Amato kien ghaddej f'din it-triq ghal xi raguni mhux maghrufa, qabez il-linja l-bajda kontinwa*

*li hemm ma' genb it-triq u li turi l-konfigurazzjoni ta' triq u beda jsuq fuq dik il-parti tat-triq. Mill-evidenza migbura rrizulta li r-rota ta' quddiem hakket mal-bankina. Intant D'Amato baqa' ghaddej sakemm baqa' diehel go fergha ta' sigra. Mal-impatt ix-xarabank baqghet ghaddejja u waqfet f'distanza ta' sebgha u sittin punt erba wiehed (67.41m) metri. Konsegwenza ta' din il-habta mal-fergha tas-sigra wegghu diversi passiggieri li kienu riekba fix-xarabank fis-sular ta' fuq fejn anki mietu zewg (2) passiggiera li jisimhom Elisaveta Danielova Avdala u Koenraad Richard B. De Vrieze.*

Illi mbaghad fil-parti konklussiva tar-relazzjoni tieghu l-istess espert Buttigieg jikkonkludi li *"irrizulta li l-vettura kienet qed tigi misjuqa b'velocita' baxxa u l-esponent ma jistax jifhem kif ix-xufier ma ndunax bil-fergha tas-sigra fejn ma kkalkolax l-gholi tal-vettura mas-sigra. Illi kieku D'Amato kien attent hu facilment seta' Evita din it-tragedja".*

·L-istess espert mbaghad ghadda biex ikkonkluda li *"D'Amato naqas fir-responsabilta' tieghu illi jsuq b'mod kawt kif titlob il-ligi …".*

L-espert tat-tossikologija **Dr Michael Scott- Ham** fir-rapport tieghu jghid li:

"1. *The results show that Charles D'Amato had used cocaine although not in recent high dosage. He may have been experiencing the comedown effects of cocaine at the time of the collision.*

*2. Charles D'Amato had also taken cetirizine and hydroxyzine, two anti-histamines, at some stage prior sampling. The possibility of either or both grugs increasing any drowsiness produced by the comedown effects of cocaine cannot be precluded.*

*3. There was no evidence to suggest that he had recently used any of the other drugs tested for or consumed alcohol; therefore he would not have been under their influence at the time of the collision."*

Illi tenut kont ta'dawn il-kostatazzjonijiet u konkluzjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li, fil-konfront tax-xufier hemm *a case to answer*, u l-provi, fir-rigward tieghu, jisthoqqilhom aktar investigazzjoni.

**Konsegwentement fil-konfront ta' l-imputat Charles D'Amato jezistu ragunijiet bizzejjed biex jitpogga taht att ta' akkuza. Rizultanzi fil-konfront tal-imputati Lee Anne Borg, Kim Degabriele, Noel Degabriele u Philip Degabriele fir-rigward tal-akkuzi numru 1 sa 4.**

Fin-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-prosekuzzjoni "*dwar jekk hemmx 'prima facie' kaz fil-konfront tal-imputati*", hija ma ssenjalat l-ebda prova li tindika l-involviment tal-imputati Lee Anne Borg, Kim Degabriele, Noel Degabriele u Philip Degabriele ghall-akkuzi 1 sa' 4 tal-imsemmija citazzjoni.

Skont il-*procès-verbal,* ebda espert li kien nominat mill-Magistrat Inkwerenti ma kkonkluda li l-imputati Lee Anne Borg, Kim Degabriele, Noel Degabriele u Philip Degabriele kienu b'xi mod responsabbli ghall-incident awtomobilistiku *de quo* jew ghall-imwiet, ghall-griehi gravi u hfief li soffrew uhud mill-passiggieri dak inhar tal-incident, jew ghall-hsarat mgarrba fuq l-*open top double decker bus* li, *t*appartjeni lill-istess imputati.

Illi sabiex jissussistu r-reati kontemplati fl-akkuzi hemm bzonn li "*tirrikorri kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza, traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservnza tal-Ligijiet, regolamenti u ordnijiet li tkun segwita b'nexx ta' kawzalità minn akkadut dannuz involontarju. Ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifkat mal-"bonus paterfamilias"; dik il-kondotta, cioè, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilitànormalu; kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudfikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret*".[22]

Illi, dak li jirrizulta *at face value* huwa li l-imputati, bhala diretturi tas-socjetà City Sightseeing Malta Limited, inkarigaw l-imputat Charles

[22] Il-Pulizija vs. Louis Portelli, deciza fl-4 ta' Frar 1961.

D'Amato bis-sewqan ta' *open top double decker bus* bhala xufier tul rottot stabbiliti (*North* jew *South route*).

F'dan il-kuntest il-Qorti terga' tirreferi ghad-digriet fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Robert Sant et**, fejn ir-reat li bih gew addebitati l-imputati f'dawn il-proceduri, fosthom diretturi tal-kumpannija Seabank Hotel and Catering Limited, kien l-omicidju involontarju ta' certu Maksims Artamonovs - haddiem li kien intradam taht struttura li cediet fil-lukanda *Seabank*. Meta giet sabiex tiddeciedi dwar il-*prima facie*, il-Qorti kkunsidrat illi:

> *"meta s-sidien tal-lukanda imsemmija ddeciedew li jestendu l-lukanda* ***huma nkarigaw diversi professjonisti biex jiehdu l-pariri taghhom dwar kif ghandha ssir din l-estensjoni u x'kienet tinvolvi mhux biss mill-aspett teniku imma anke mill-aspett finanzjarju****. Gew sottomessi pjanti lill-MEPA ghall-approvazzjoni u fuq il-costings li saru f'dan il-process preliminari kellhom diskussjonijiet ma' diversi kuntratturi. Wara dawn id-diskussjonijiet* ***is-sidien inkargaw lil B&B Construction Limited biex tibni din l-estensjoni****. Flimkien ma' dan il-kuntrattur* ***gew inkarigati diversi persuni ohra kulhadd b'rwol specifiku****. Kull ingagg jidher li sar permezz ta' kuntratt bil-miktub.*

*Illi wara l-inkarigu moghti lil dawn id-diversi professjonisti fil-qasam rispettiv taghhom, ma jidhirx li d-diretturi tas-socjetà Seabank and Catering Limited kellhom xi involviment fid-decizjonijiet li wasslu ghac-cediment ta' dik l-istruttura. Ma kienux involuti fid-decizjoni dwar kemm kellu jintuza hadid u fejn kellu jitpogga dan il-hadid; ma kienux involuti fid-decizjoni dwar jekk is-saqaf kellux jistrieh fuq parti limitata tal-kolonna jew fuq il-kolonna kollha; ma kellhomx kontroll fuq kif kienu qed jikkomunikaw informazzjoni u struzzjonijiet importanti bejniethom il-periti u l-kuntratturi; ma kellhomx kontroll fuq id-disinji u kalkoli teknici ta' l-istruttura li kienet qed tinbena. Fil-verità lanqas setghu ikunu involuti f'dawn id-decizjonijiet u lanqas setghu jippretendu li jezercitaw il-kontroll imsemmi ghaliex dawn kienu materji li ma kienux jaqaghu fil-kompetenza taghhom."*

Ghalhekk, l-istess Qorti rat li ma jidhirx li, ***"a bazi tal-provi prodotti, tirrizulta, prima facie, kondotta volontarja negligenti, da parti tad-diretturi tas-socjetà Seabank Hotel and Catering Limited, segwita b'ness ta' kawzalità mal-mewt ta' Maksims Artamonovs, hekk kif ma jidhirx, prima facie, li a bazi ta' dawk l-istess provi, dawn id-diretturi jistghu jinstabu hatja ta' dak l-omicidju involontarju"***.

**Kien fuq dawn il-motivi li dik il-Qorti sussegwentement iddeciediet li tordna l-liberatorja tad-diretturi tas-socjetà Seabank Hotel and Catering Limited**.

Meta wiehed japplika tali konsiderazzjonijiet maghmula mill-imsemmija Qorti fid-digriet surreferit ghall-kaz odjern, **jirrizulta li l-imputati, hlief ghall-inkarigu moghti lill-imputat Charles D'Amato ma kellhom l-ebda involviment fic-cirkostanzi illi wasslu ghall-incident mertu tal-proceduri odjerni**, qatt ma kienu involuti fl-incident awtomobilistiku *de quo* ghaliex, finalment, il-vettura *open top bus* kienet qieghda tinstaq mill-imputat Charles D'Amato.

Ghalhekk ma jidhirx li a bazi tal-provi prodotti, tirrizulta, *prima facie*, kondotta volontarja negligenti, da parti tad-diretturi tas-socjeta City Sightseeing Malta Limited, segwita b'ness ta' kawzalita mal-mewt ta' Elisaveta Danielova Avdala u Koenraad Richard B. De Vrieze, hekk kif ma jidhirx, *prima facie*, li a bazi ta' dawk l-istess provi, dawn id-diretturi jistghu jinstabu hatja ta' dak l-omicidju involontarju, tal-griehi gravi u griehi hfief li soffrew il-vittmi.

Illi mill-provi prodotti **ma hemm xejn li jirrizulta, anke *prima facie***:

a. **li kien hemm xi kondotta negligenti da parti tal-imputati Lee Anne Borg, Kim Degabriele, Noel Degabriele u Philip Degabriele, jew in-ness ta' kawzalità mal-mewt ta' Elisaveta**

**Danielova Avdala u ta' Koenraad Richard B. De Vrieze, mal-griehi gravi li soffrew il-passiggieri surreferiti jew mal-griehi hfief li soffrew il-bqija tal-persuni indikati.**

b. **li l-imputati Lee Anne Borg, Kim Degabriele, Noel Degabriele u Philip Degabriele kienu b'xi mod involuti fid-dinamika tal-incident in dezamina, jew li b'xi mod kienu fil-kontroll tas-sewqan tal-*open top double decker bus*, dak inhar tal-incident.**

**<u>Rizultanzi fil-konfront tal-imputati Lee Anne Borg, Kim Degabriele, Noel Degabriele u Philip Degabriele fir-rigward tal-akkuzi numru 8 sa 11</u>**

- **Leġiżlazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (Kap. 424 u regolamenti sussidjarji)**[23]

Jeżisti ħsieb ġenerali li l-protezzjoni tal-membri tal-pubbliku waqt xi attività fil-pubbliku hija b'xi mod koperta mill-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurta fuq il-post taxxogħol.

Huwa probabbli li l-oriġini ta' dan il-ħsieb joħroġ minn artikolu 6 sub-artiklu (1) talAtt ta' l-2000 dwar l-Awtorita għas-Saħħa u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol, li jesiġi li "*Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa*

[23] Mir-rapport **Sahha u sigurta' waqt attivitajiet pubblici – Analizi tal-qafas regolatorju u suggerimenti ghal titjib fejn mehtieg** imhejji minn Dr. Mark Gauci, Chief Executive Officer tal-Occupational Health and Safety Authority (OHSA)

*u s-sigurta tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem.*[24]"

Dan iżda m'għandux jinftiehem b'mod li qiegħed jirreferi għal xi obbligazzjoni ta' min iħaddem lejn is-saħħa u s-sigurta pubblika taħt dan l-Att; anzi, irid jintqal li qatt ma kienet lintenzjoni tal-leġiżlatur li l-Awtorità mwaqqfa permezz tal-Att ċitat ikollha xi rwol jew li jkollha poteri eżekuttivi li tintervjeni f'dan is-sens, tant li l-Awtorita hija "*responsabbli li tiżgura li jinġieb 'il quddiem u li tiżgura li jkun salvagwardat minn kull min għandu dak lobbligu il-ġid fiżiku, psikoloġiku, u soċjali tal-ħaddiem kollha fil-postijiet kollha tax-xogħol.*[25]"

Barra minn hekk, ma jkunx jagħmel sens li japplika dan l-Att f'sitwazzjonijiet regolati minn Atti speċifiċi oħra. Dan għaliex l-obbligi li jappertjenu lil min iħaddem versu l-impjegati tiegħu huma ferm iktar onerużi minn dak li wieħed għandu raġonevolment jistenna firrigward ta' membri tal-pubbliku.

L-att dwar l-Awtorità għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, għandu japplika biss fir-rigward ta' xogħol li jsir skont il-parametri stabbiliti fl-istess Att, jiġifieri, fir-rigward ta' xogħol li jsir minn ħaddiema mpjegati. Dan ġeneralment japplika waqt il-preparazzjoni għall-attività pubblika, per eżempju fil-bini ta' strutturi (palk, faċilitajiet biex in-nies ipoġġu bil-qiegħda, u armar ieħor).

---

[24] Att dwar l-Awtorita għas-Saħħa u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol, Kap. 424, Artikolu 6 (1).
[25] Ibid, Artikolu 4 (2).

## **Il-hsieb tal-Legislatur** [26]

Il-Qorti f'dan l-istadju mhix ser tistabilixxi jekk l-imputazzjonijiet dwar sahha u sigurta' fuq il-post tax-xoghol japplikawx f'dan il-kaz, izda ser tara hemmx fuq x'hiex iwiegbu l-imputati Lee Anne Borg, Kim Degabriele, Noel Degabriele u Philip Degabriele diretturi tas-socjeta City Sightseeing Malta Limited prima facie. Izda jkun sew li l-Qorti tara l-legislatur kellu f'mohhu f'dawn it-tip ta' reati u min ikun responsabbli ghalihom.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-Att innifsu senjatament l-Artikoli 4 u 5 tieghu li jipprovdu:

> ***4.*** *(1) Il-protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol għandha titqies bħala materja ta' interess pubbliku.*
>
> *(2) L-Awtorità stabbilita bis-saħħa ta' dan l-Att tkun responsabbli li tiżgura li jinġieb 'il quddiem u li tiżgura li jkun salvagwardat minn kull min għandu dak l-obbligu il-ġid fiżiku, psikoloġiku, u soċjali tal-ħaddiema kollha fil-postijiet kollha tax-xogħol.*
>
> ***5.*** *L-Awtorità għandha tiżgura li jinżammu l-livelli ta' protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol kif stabbiliti b'dan l-Att u b'regolamenti magħmulin taħt dan l-Att.*

---

[26] Dwar dan ghamlet espozizzjoni ezawrenti l-Magistrat Donatella Frendo Dimech fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Raymund Rossignaud et** deciza fit-30 ta' Jannar, 2018

It-tifsira li l-istess Att jaghti ghal 'post tax-xoghol' hi:

> "*post tax-xogħol" tfisser kull fond, lok, faċilità, bastiment jew post jew imkien ieħor, kemm jekk pubbliku jew privat, fejn isir xogħol jew li għalih il-ħaddiem ikollu aċċess waqt il-kors tal-impieg tiegħu*

Illi mbaghad l-artikolu 6 tal-Att jiddisponi li:

> **6.** *(1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u ssigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:*

Illi kif wera d-dibattitu li zvolga fi stadju ta' Kumitat Parlamentari meta kien qed jiddiskuti l-abbozz ta' ligi dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, ir-*ratio legis* kien dijametrikament oppost ghal xi intendiment li l-Att u allura mieghu l-funzjoni tal-Awtorita`, kien japplika biss ghal haddiema. M'hemmx dubbju li hawn japplika l-principlju ta' dritt *Ubi lex voluit dixit*. Fejn il-legizlatur ried jiddistingwi bejn *'haddiem'* jew *'min ihaddem'* dan ghamlu specifikatament izda fl-artiklu 6 ghazel li jitkellem fuq kategorija ta' nies differenti, cioe`fuq dawk il-"***persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati* bix-xogħol "**

Illi l-Att prezenti kien issostitwixxa l-Att VII tal-1994 u ddipartixxa minnu fuq diversi aspetti inkluz l-applikabilita` tal-ligijiet li kien qed

jipprovdi dwarhom. Din il-ligi dahlet fis-sehh permezz tal-Att XXVII tal-2000. L-ghan tal-legislatur kien illi dik il-ligi tassigura mhux biss is-sahha ta' haddiema izda ta' terzi in generali li b'xi mod jigu affettwati **b'xoghlijiet li jkunu ghaddejjin.** Dan gie rifless fid-dibattitu parlamentari li kien sar f'dak iz-zmien. Fil-fatt l-Vici Prim Ministru l-Onorevoli Lawrence Gonzi fit-Tieni Qari ta' dak l-Abbozz kien tkellem hekk:[27]

> **Vici Prim Ministru Onor. Lawrence Gonzi**: Mr Speaker, ma rridux nieħdu l-impressjoni li f'pajjiżna donnu qisu qatt ma sar xejn fil-qasam tas-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema tagħna. Dan huwa proċess li ilu għaddej numru twil ta' snin u llum wasal il-mument li nirrikonoxxu li hemm bżonn li nagħmlu qabża fil-kwalita' ta' l-istruttura nazzjonali ta' pajjiżna biex ikollna tassew qafas effettiv ħafna iżjed milli qatt kellna sal-lum…… l-ewwel pass f'dan il-qasam f'pajjiżna ġie irreġistrat fl-1940, meta kienet għaddiet dik li aħna nsibuha bħala l-Ordinanza tal-Fabbriki…….
>
> Mr. Speaker, aħna bqajna mexjin b'din l-ordinanza li kienet qiegħda tirregola dan l-qasam għal numru twil ta' snin sakemm imbagħad f'Jannar ta' l-1988 twaqqaf l-ewwel *working committee* tripartitiku li fih kienu qed jieħdu sehem l-imsieħba soċjali. ….. Kien kumitat li ħadem u fil-fatt kien ipprepara rapport li kien sar bl-għajnuna ta' esperti li kienu ntbagħtu hawn Malta mill-*world health organisation*. Kien proċess ta' diskussjonijiet twal. Ir-rapport kien għadda għand il-ministru tal-politika soċjali ta' dak iż-żmien, u fil-fatt fl-aħħar kien wassal għal liġi ġdida f'pajjiżna, li kien l-Att Vll ta' l-1994, li aħna nafuha bħala l-liġi għall-promozzjoni tas-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol……

[27] Seduta Nru. 387; It-Tnejn, 9 ta' Ottubru, 2000

Dan iwassalna għal-liġi nnifisha u hawnhekk irrid ngħid, kif għedt ukoll dalgħodu, li aħna ma ridniex nivvintaw ir-rota mill-ġdid. Aħna konna nafu xi rridu għax għandna l-kummissjoni u għandna l-esperjenza u allura sempliċement għedna - u kulħadd kien qed jaqbel - li issa għandna bżonn ngħollu dan il-*framework* kollu fuq livell iżjed effettiv……U f'dan is-sens għamilna użu qawwi ħafna tal-mudell Ewropew f'dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol. Fil-fatt f'dan il-qasam għandna dik li tissejjaħ bħala l-*framework directive* prinċipali, li hija l-*framework directive 89/391/EEC*…….. Naturalment lanqas nistgħu nħallu barra l-esperjenza pożittiva li aħna kellna bil-liġi ta' l-1994 u meta wieħed din iqabbilha ma' dik li għandna llum jinduna li hemm artikoli komuni bejniethom. Dan għaliex aħna dehrilna li għandna ninkorporaw f'din il-liġi dak li dehrilna li kien tajjeb u pożittiv fl-esperjenza li kellna taħt dik il-liġi….

Illi minn dak li gie diskuss fi stadju ta' kumitat jirrizulta cjar li l-artikoli 6 u 7 minn dejjem kienu intizi sabiex joffru protezzjoni ghal terzi persuni sahansitra anke jekk dawn ma jkunux fuq il-post tax-xoghol izda li madanakollu jistghu ikunu affettwati avversament b'dawk ix-xoghlijiet.

Ghaldaqstant **dment li l-attivita` ta' xoghol ghada ghaddejja**, jekk min jigi afftetwat aversament b'dak ix-xoghol ma jkunx haddiem, l-Awtorita` jibqala' funzjoni x'taqdi. Ai termini tal-artikolu 6 u 7 tal-Att, l-Awtorita` tibqa' rilevanti, b'funzjoni definita mill-ligi li, *inter alia,* tizgura li **min iħaddem qed jiżgura is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol u mhux semplicement haddiema li jkunu qed jaghtu servizz jew jizvolgu l-hidma taghhom fuq dak il-post tax-xoghol**:

**ONOR. LAWRENCE GONZI**: Waqt li qed nikkonsidraw din il-liġi jkun tajjeb jekk inżommu quddiemna wkoll Att VII ta' l-1994 għax hawn ċerti klawsoli li ttieħdu *lock, stock and barrel* mil-liġi ta' l-1994. Il-biċċa l-kbira tat-

terminoloġija f'dan l-abbozz ta' liġi hija riproduzzjoni ta' dak li hemm f'Att VII ta' l-1994, però hemm xi innovazzjonijiet ukoll, u se nipprova niffoka fil-qosor fuq l-innovazzjonijiet. …..

Fil-fatt se niġu għal dan il-punt fi klawsoli 6 u 7 fejn għamilna bidla fundamentali - fl-opinjoni tiegħi importantissima - u nispjegaha meta naslu għal dawk il-klawsoli. Imma għall-mument ngħid li klawsola 6, li tittratta d-dmirijiet ta' min iħaddem, tgħid:

"*Min iħaddem għandu dejjem iħares is-saħħa u s-sigurta' tal-persuni kollha li jistgħu jiġi affettwati bix-xogħol li jkunu qegħdin jagħmlu għal dik il-persuna li tħaddem.*".

Hemmhekk m'aħniex ngħidu tal-ħaddiema *imma "tal-persuni kollha li jistgħu jiġi affettwati bix-xogħol li jkunu qegħdin jagħmlu."* U klawsola 7, li titkellem fuq id-dmirijiet tal-ħaddiema, għandna wkoll din il-bidla billi ngħidu:

"*Huwa d-dmir ta' kulħadd li jissalvagwarda s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir.*"

Jiġifieri wieħed jinduna mill-ewwel li l-kunċett huwa proprju li aħna jinteressana li l-ħaddiem jieħu ħsieb ta' saħħtu, imma jirrealizza wkoll li jkun qed jipperikola, jekk ma joqgħodx attent, mhux biss lilu nnifsu imma anke s-saħħa ta' ħaddiema sħabu, l-ewwel u qabel kollox, imma jista' jkun anke ta' persuni terzi.

Il-punt li għamel l-Onor. Buhagiar fit-Tieni Qari kien proprju dan, speċjalment fejn jidħlu proġetti ta' kostruzzjoni. Ħafna drabi tkun qed issir kostruzzjoni fiċ-ċentri ta' l-ibliet u jekk Allaħares qatt ikollok inċident u jaqa' kantun mhux biss tkun qed tipperikola s-saħħa tal-ħaddiema imma kapaċi - anzi żgur - li tkun qed tipperikola is-saħħa ta' min ikun għaddej fit-triq għall-affari tiegħu, jew ta' nies li jkunu residenti fil-viċin. Jiġifieri iva, naqbel

perfettament u dan il-punt inkunu nistgħu nenfasizzawh meta niġu għal klawsoli 6 u 7. [28] …….

**ONOR. LAWRENCE GONZI**: Hawnhekk għamilna bidla kbira mit-*text* tal-liġi ta' l-1994. Anzi l-intenzjoni tagħha hawnhekk hija li r-responsabbilta' ta' l-*employer* ma tkunx biss *vis-a-vis* l-ħaddiema tiegħu imma tkun mifruxa wkoll fuq terzi persuni li ma jkunux impjegati tiegħu u li b'riżultat ta' deċiżjonijiet, negliġenza jew nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti dwar is-saħħa u s-sigurta' minn dan l-istess *employer*, isofru xi danni. Klawsola 6 qiegħda hemm għal dan il-għan u huwa għalhekk li tgħid li:

"*it shall be duty of an employer to ensure the health and safety at all times of all persons who may be affected by the work being carried out for such employer* "[29] …..

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Klawsola 6 titkellem fuq id-dmirijiet ta' min iħaddem. Din hija klawsola ta' ċerta importanza għax qed tgħid li min iħaddem għandu obbligu li dejjem iħares lejn is-saħħa u s-sigurta' tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati mix-xogħol kollu li jkun qed isir. Huwa importanti li nenfasizza dan il-punt li diġa' għamilnieh għax dan huwa *breakthrough* fuq il-kunċetti. Il-liġi ta' l-1994 iffokat fuq id-dmir ta' min iħaddem direttament mal-ħaddiema tiegħu. Wara li eżaminajna l-esperjenza f'pajjiżi oħrajn - mhux biss teżamina, għax inti lanqas għandek għalfejn teżamina l-esperjenzi ta' pajjiżi oħrajn imma biżżejjed teżamina l-esperjenzi lokali u reali tagħna - mill-ewwel indunajna li kultant nuqqas ta' attenzjoni, traskuraġni jew nuqqas ta' *employer* li jħares regolamenti, jipperikola mhux biss lill-ħaddiema imma anke lil persuni terzi. Allura hawnhekk għamilna din il-bidla fil-kunċett billi issa qed nerfgħu r-responsabilita' fuq min iħaddem biex jirrealizza li jekk hu ma jħarisx ir-regolamenti jew l-artikli stabiliti taħt din il-liġi, anke jekk ma jkunx qed jipperikola lill-ħaddiema pero'

---

[28] Seduta Nru. 399; L-Erbgħa, 18 ta' Ottubru, 2000
[29] Seduta Nru. 401; Il-Ġimgħa, 20 ta' Ottubru, 2000

jkun qed jipperikola lil terzi persuni, dak huwa responsabbli għal ksur tal-liġi. Naħseb li dan il-punt huwa l-aktar punt importanti f'din il-klawsola. Din il-klawsola tirrigwarda wkoll dik li qed ngħidulha l-*prevention policy,* jiġifieri l-istrateġija li dak li jkun jagħmel ħiltu biex jevita l-perikli jew ir-riskji li jista' jkun hemm. ….

**ONOR. LAWRENCE GONZI**: L-ewwelnett irridu naraw x'qed infissru meta ngħidu koperti. Din il-liġi mhijiex qed tindirizza l-obbligi ċivili, min se jħallas id-danni u dawn l-affarijiet kollha. Din hija liġi li qed titkellem dwar miżuri li jridu jiġu implimentati u segwiti minn min iħaddem u minn min jaħdem fil-ħarsien tas-saħħa u s-sigurta' tiegħu. Issa dak li jolqot lil terzi persuni huwa li aħna m'aħniex qed nikkuntentaw billi *employer* jieħu l-miżuri li ma jesponux lill-ħaddiema tiegħu għar-riskji. Bħalma għamlu pajjiżi oħrajn, aħna qed immorru *oltre* minn hekk, jiġifieri m'aħniex qed nivvintaw xi ħaġa ġdida. Aħna lill-*employer* qed ngħidulu li mhux biżżejjed li joqgħod attent kif se jintlaqtu l-ħaddiema tiegħu imma jrid joqgħod attent ukoll li ma jkunx hemm riskji u perikli għas-saħħa u s-sigurta' ta' terzi persuni. Issa jekk l-*employer* ikun segwa r-regolamenti u xorta jiġri xi inċident fejn ikun weġġa' xi ħadd, ma jfissirx illi min weġġa' m'għandux rikors taħt il-liġi ċivili għad-danni, jekk ikollu każ fuqhiex jikklejmja d-danni. Imma dak huwa qasam ieħor u mhuwiex regolat b'din il-liġi. Proprju għal dan l-iskop m'għandniex nidħlu hawnhekk. Li qed ngħidu lill-*employer* hawnhekk huwa li dan se jkollu obbligi taħt din il-liġi u taħt regolamenti maħruġin b'din il-liġi u dan irid japplikahom biex jipproteġi s-saħħa u s-sigurta' mhux biss tal-ħaddiema tiegħu imma wkoll ta' terzi persuni li jistgħu jkunu affettwati minn xi xogħol. Dan huwa l-kunċett għax dwar il-punt li semma l-Onor. Chircop imbagħad hemm il-liġijiet ċivili.[30]

[30] Seduta Nru. 402; Il-Ġimgħa, 20 ta' Ottubru, 2000

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO**: Napprezza li din ġiet mogħtija widen u tajjeb li dawn diġa jeżistu. Ma nafx jekk hux possibbli li dawn ir-regolamenti jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra. Jekk inhu possibbli li d-dipartiment jiġborhom flimkien u jgħaddilna kopja, napprezza ferm. Xtaqt ngħid ukoll, Sur President, li din l-istorja tas-saħħa tat-terzi jien għadni nkwetata fuqha. Se nagħti eżempju konkret biex ninftiehem mill-ewwel.

Sfortunatament aħna għad għandna ħafna *small businesses,* bħal *sprayers* tal-karozzi u *mechanics,* li qed joperaw minn *residential areas*. Per eżempju, it-*toxic fumes* li joħorġu minn dan l-i*spray* definittivament jaffettwa lil min jużah u anke lin-nies ta' l-akkwata. Jiġifieri f'liema parti f'din il-klawsola nistgħu nserrħu rasna li min qiegħed jagħmel dan ix-xogħol inġegħluh jieħu l-miżuri biex mhux iħares lilu nnifsu u l-ħaddiema tiegħu imma anke jħares lil min forsi jgħix bieb ma' bieb miegħu? *I am very conscious* tagħha din il-ħaġa għax Ħal Qormi huwa wieħed mill-postijiet partikolari fejn għandna dawn il-ħafna *small businesses,* li proprju qegħdin fil-*core* tar-raħal. *Somehow* irridu nassiguraw li t-terzi persuni li m'għandhom x'jaqsmu xejn max-xogħol ikunu protetti wkoll.

Niftakar li fit-tieni qari semmejt il-każ ta' dik il-*warehouse* kbira mimlija *thinners* taż-żebgħa li ħadet in-nar u għal min kien joqgħod fis-sular ta' fuq kienet traġedja. M'hemmx dubju li l-effett ta' l-irwejjaħ żgur li nħass *for miles around*. F'liema parti ta' din il-liġi aħna nistgħu nserrħu rasna li min iħaddem irid jieħu ħsieb dawn l-affarijiet?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Sur President, naħseb dan kien il-punt kardinali li ddiskutejna fl-aħħar seduta meta konna qed nagħmlu klawsola 6. Din il-klawsola, b'differenza għal dak li hemm fl-Att VII ta' l-1994, issa tgħid li min iħaddem għandu dejjem iħares is-saħħa u s-sigurta' tal-persuni kollha li jistgħu jiġi affettwati mix-xogħol li jkun qiegħed isir. Jiġifieri hawnhekk hawn estensjoni tar-responsabbilta' fuq min iħaddem.

Dan jinsab ukoll fil-klawsola li jmiss, li titkellem fuq id-dmirijiet tal-ħaddiema. Il-*wording* huwa magħmul b'tali mod li jkopri lil dawk kollha li b'xi mod jistgħu jiġu affettwati b'dak ix-xogħol u allura anke l-interessi tat-terzi huma koperti. …..

**ONOR. LAWRENCE GONZI**: Ir-regolamenti kollha kemm huma jidħlu f'dettalji tekniċi u dan isir proprju biex nissalvagwardaw is-saħħa u s-sigurta', *sia* tal-ħaddiema u naturalment anke tat-terzi. Ma rridux lanqas inħallu barra liġijiet oħrajn. Għall-mument qed nitkellmu fuq din, pero' ta min wieħed jgħid li hemm diversi regolamenti li jaqgħu taħt liġijiet oħrajn. Per eżempju, l-ewwel konna qed insemmu l-liġijiet tas-sanita'. Il-kollega tiegħi, l-Onor. Mugliett, li qiegħed maġenbi bħalissa, qed jgħidli li anke taħt l-awtorita' ta' l-ippjanar illum hemm diversi regolamenti li huma proprju mfasslin apposta biex jipproteġu jew ineħħu r-riskju anke għall-terzi.

Dawk huma liġijiet oħra imma, għar-rigward ta' din il-liġi, ir-risposta hi li jekk wieħed jara ċerti regolamenti li ġew ippubblikati taħt il-liġi l-antika ta' l-1994, wieħed jinduna li l-kunċett m'huwiex limitat biss għall-protezzjoni tal-ħaddiema imma wieħed jaħseb anke għall-interessi tat-terzi. Jista' jkun li l-ħaddiem jipperikola lilu nnifsu f'post tax-xogħol, għax ċerti affarijiet jkunu perikolużi fihom innifishom, pero' fl-istess ħin jista' jkun qiegħed anke jipperikola lil persuni terzi. Anke r-regolamenti li diġa jeżistu huma mfassla b'dan il-mod li jkopru ukoll……

**ONOR. LAWRENCE GONZI**: Klawsola 7 hija n-naħa l-oħra tal-munita. Fi klawsola 6 tkellimna fuq ir-responsabbiltajiet ta' min iħaddem u issa se nitkellmu fuq id-dmirijiet tal-ħaddiema. Niġbed l-attenzjoni tal-Kamra li dan l-artiklu huwa fis-sustanza tiegħu meħud minn artiklu 2 tal-liġi ta' l-1994, pero' anke hawnhekk twessgħet ir-responsabbilta' tal-firxa biex indaħħlu ukoll l-interessi ta' persuni terzi.

> Il-punt kruċjali ta' dan l-artiklu huwa dak li jingħad fl-ewwel subartiklu li kull ħaddiem għandu jissalvagwarda s-saħħa u s-sigurta' tiegħu stess kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir.[31]

Ghal dak li jirrigwardja l-bqija tal-akkuzi, fin-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-prosekuzzjoni, gie sottomess illi:

- *"id-Diretturi tal-kumpannija kienu traskurati fl-ingagg ta' D'Amato b'dana li ma ezercitawx id-diligenza kollha xierqa mistennija minnhom biex jigi evitat l-incident mertu dawn il-proceduri"*, u li

- *"minn investigazzjonijiet li saru huwa evidenti li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KPY023, liema vettura hija rregistrata mal-imsemmija kumpanija, giet fdata lil persuna u cioè Charles D'Amato, liema persuna qatt ma kien ufficjalment irregistrat bhala xufier mal-kumpanija City Sightseeing Malta Limited, u ghaldaqstant il-prosekuzzjoni qed tikkontendi li ma kienx ikkwalifikat u/jew ma kellux bizzejjed esperjenza peress li qatt ma kien ha dak it-tahrig necessarju sabiex jopera din vettura ta' dak id-daqs u gholi attribwiti ma' vettura tat-tip doubledecker. Illi dan il-fatt huwa evidenti wkoll minn dak li kien iddikjara s-sur Joseph*

[31] Seduta Nru. 407; L-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2000

*Saliba, nhar il-15 ta' Gunju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) b'dana li fir-rigward il-prosekuzzjoni harget ukoll l-akkuzi numri 10 u 11 rispettivament".*

Il-prosekuzzjoni naqset milli tindika fid-dettall ir-ragunijiet li jghatu sostenn ghal dawn l-istqarrijiet. Il-Qorti ma sabet l-ebda prova li tindika li l-imputati Lee Anne Borg, Kim Degabriele, Noel Degabriele u Philip Degabriele b'xi mod naqsu milli joneraw jew jaderixxu d-dmirijiet ta' entità li thaddem, jew li ma tawx tahrig u supervizjoni xierqa lill-imputat Charles D'Amato jew li ma ttiehdux passi min-naha taghhom sabiex jigi evitat dannu fiziku u psikologiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xoghol.

Skont il-*procès-verbal,* ebda espert nominat mill-Magistrat Inkwerenti ma kkonkluda li l-imputati naqsu minn xi doveri jew responsabiltajiet taghhom ta' *employers*. Mill-konkluzjoni tal-imsemmija esperti, r-rakkomandazzjonijiet taghhom huma msejsa **unikament** fir-rigward tal-imputat Charles D'Amato.

Dak li jirrizulta mill-provi prodotti huwa li l-imputat Charles D'Amato kien hadem mas-socjetà City Sightseeing Malta Limited bhala xufier tal-*open top double decker buses* ghal numru ta' xhur fis-sena 2017 (is-sena precedenti ghall-incident awtomobilistiku in dezamina). Dan gie kkonfermat mix-**xhieda ta' Kim Degabriele**, meta dan gie mistoqsi mill-espert tekniku Dr. Mario Buttigieg fis-16 ta' April 2018:

*"Fil-passat hu* [Charles D'Amato] *hadem mal-kumpanija taghna. Dan beda minn Mejju 2017 sa' Ottubru 2017."… "Peress li dahal ix-xhur tax-xitwa ix-xoghol jonqos hafna u ghaldaqstant jibqa' fuq il-waiting list taghna. Meta jkun hemm ix-xoghol ahna incemplulu u naraw jekk nistghux nuzaw is-servizzi tieghu."*[32]

[...]

*"Ghar-rigward ta' training ahna nibghatu x-xufier ma' driver iehor sabiex jiffamiljarizzaw ruhhom mal-akkwati"*.[33]

Dan il-fatt kien konfermat mix-xhieda tal**-<u>imputat Charles D'Amato</u>** meta gie mistoqsi mill-espert Dr. Mario Buttigieg fit-2 ta' Mejju 2018:

*"s-sena l-ohra kont naghmel xoghol ta' part time driver fuq id-double decker buses mal-imsemmija socjetà. Ma' din il-kumpannija jiena hdimt kemm fuq ir-rotta tas-South u anki tan-North"*.[34]

Ghaldaqstant, dak li rrizulta "*at face value*" huwa li l-imputat kien jaf ir-rotta tas-*South* stante li kien digà hadem bhala xufier tad-*double decker buses* bejn Mejju 2017 u Ottubru 2017. Isegwi ghalhekk li minn imkien ma jirrizulta li l-imputat Charles D'Amato ma kienx inghata

[32] A fol. 1004 tal-*procès-verbal*.
[33] A fol. 1004 tal-*procès-verbal*.
[34] A fol. 1006 tal-*procès-verbal*.

taghlim jew tahrig mill-imputati bhala sidien tal-*open top double decker bus.*

Dwar dak li sostniet il-prosekuzzjoni li l-imputati kienu fdaw lill-imputat Charles D'Amato sabiex isuq l-*open top double decker bus* meta dan ma kienx kompetenti jew ta' esperjenza, mill-provi processwali, jirrizulta li:

**a.** **<u>Brian Farrugia</u>**, Direttur fid-direttorat ta' transport fuq l-art gewwa l-Awtorità ghat-Transport f'Malta, li xehed quddiem il-Magistrat Inkwerenti fit-12 ta' Gunju 2020, mir-ricerka illi ghamel huwa stess, ikkonferma li l-imputat Charles D'Amato:

i. "*Bhala licenzja tas-sewqan ghandu Kategorija B, B1, D, D1. Dan fi ftit kliem ghandu li jista' jsuq karozza normali u ghandu licenzja biex jsuq coaches, mini buses…*"

ii. "*Fir-rigward tal-Kategorija D biex jsuq coaches jew mini buses gabha fid-19 ta' Jannar 2015. Ghandu ukoll dik li nghidulha tag, it-tag hija meta issuq vettura ghal garr tal-passigieri bil-hlas ghandek bzonn id-dokument li jghidulu d-drivers permit li huwa t-tag. Dan ghandu tag ukoll valida u ilha li hargitlu mit-23 t'April*

*2015"*[35], *liema licenzji "kienu ilhom f'idejh mit-23 ta' April 2015"*[36].

iii. "l-*licenzja tal-kategorija D mhux xi haga facli li qbadt karozza normali u hrigt. Igifieri hemm ezamijiet izjed regoruzi biex tottjeni l-ewwel licenzja, umbaghad biex tohrog it-tag taghmel course kwazi ta' sittin siegha, isirlek ukoll ezami regolamenti, safety, emergency brake u kollox umbaghad tohroglok it-tag."*[37]

b. Min-nota taghha, jidher li l-prosekuzzjoni bbazat l-kaz taghha taghha fil-konfront tal-imputati fuq ix-xhieda ta' **<u>Joseph Saliba</u>**; dan meta qalet li "*dan il-fatt* [li l-imputat Charles D'Amato ma kienx kwalifikat bizzejjed] *huwa evidenti wkoll minn dak li kien iddikjara s-Sur Joseph Saliba*", fuq liema dikjarazzjoni "*il-prosekuzzjoni harget ukoll l-akkuzi 10 u 11 rispettivament*".

Joseph Saliba, li xehed in rapprezentanza ta' *Jobs Plus*, quddiem il-Magistrat Inkwerenti fit-12 ta' Gunju 2020, esebixxa l-*employment history* tal-imputat Charles D'Amato li hija prova minnha nfisha tal-esperjenza kollha li kellu l-imsemmi Charles D'Amato qabel ma huwa gie nkarigat bhala xufier tal-*open top double decker buses* mas-socjetà City Sightseeing Malta Limited[38]:

---

[35] A fol. 1158 tal-*procès-verbal*.
[36] A fol. 1161 tal-*procès-verbal*.
[37] A fol. 1161 tal-*procès-verbal*.
[38] A fol. 1177, 1179, 1181 tal-*procès-verbal*.

**c.** Mid-dokumenti esebiti jidher li l-imputat Charles D'Amato kien xufier ta' esperjenza vasta f'dan il-generu ta' xoghol. Huwa kien impjegat mal-Awtorità ghat-Trasport f' Malta sa' mis-sena 2009; bl-eccezzjoni ta' xi zmien li huwa kien impjegat mal-Arriva (socjetà li kienet topera t-transport pubbliku f'Malta).

d. L-imputat **<u>Kim Degabriele</u>** kkonferma fix-xhieda tieghu[39] li:

> *"Bhala procedura ahna niccejkaw li s-sewwieq ghandu kemm il-licenzja tas-sewqan u li huwa kompetenti li jsuq xarabanks u anki d-double deckers. Irid ikollu l-licenzja tal-grupp D u anki t-tag li tohrog mit-Transport Malta. Ghar-rigward D'Amato dan kellu kollox u kienu fit-terminu u naf li tiskaddi fis-sena elfejn u dsatax (2019). Is-sena l-ohra D' Amato kien jahdem mal-Malta Public Transport, din is-sena kien qed jahdem bit-taxi tieghu."*

Mill-provi processwali f'grad ta' *prima facie* johrog li l-imputati **<u>hadu l-prekawzjonijiet kollha sabiex jinkarigaw xufier li kellu l-licenzji kollha necessarji u li kienu validi, li kellu l-esperjenza u li kien ghalhekk kompetenti, u li komplew iharrguh huma stess meta kien hadem bhala xufier ghall-ewwel darba fis-sena 2017</u>**.

[39] A fol. 1004 tal-*procès-verbal*.

Ghaldaqstant, anke f'dan ir-rigward**, <u>l-imputati m'hemm l-ebda '*case to answer*' fil-konfront taghhom</u>**.

Dwar l-akkuzi li saru fil-konfront tal-imputati li l-imputat Charles D'Amato ma kienx ufficjalment irregistrat bhala xufier mal-kumpannija City Sightseeing Malta Limited u li naqsu li jinnotifikaw lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b'dan l-impieg. Dak li rrizulta mill-provi kien li l-imputat Charles D'Amato ma kienx impjegat tal-kumpannija City Sightseeing Malta Limited izda kien jippresta servizz lilha bhala *self-employed*.

Dan il-fatt jirrizulta mis-segwenti provi:

a. **<u>Joseph Saliba</u>**, in rapprezentanza ta' Jobs Plus, ikkonferma li:

i. "*dan qed nghidu li huwa ta' self employed jekk tmur in-naha ta' right taht engagement int ghandek id-data u ghandek EF 2018*".[40]

ii. Meta dan l-istess xhud gie mistoqsi jekk ghandux jiddikjara l-applikant stess jekk ikun *self employed*, huwa kkonferma li "***<u>la self employed iva kollox hu jaghmel</u>***".[41]

---

[40] A fol. 1178 tal-*procès-verbal*.
[41] A fol. 1179 tal-*procès-verbal*.

b. Waqt ix-xhieda tieghu, Joseph Saliba esebixxa ukoll l-*engagement form* tal-imputat Charles D'Amato **<u>li hija datata 28 ta' Dicembru 2017</u>**. Johrog mill-provi li l-ewwel gurnata li rega' kien nkarigat bis-sewqan ta' *open top double decker buses* mas-socjetà City Sightseeing Malta Limited (wara s-sena 2017) kien proprju fid-**<u>9 ta' April 2018</u>**.

c. L-imputat Charles D'Amato stess ikkonferma li "***<u>jiena nahdem bhala self-employed</u>***"[42].

Dak li sostniet il-prosekuzzoni li l-imputati naqsu milli jirregistraw lill-imputat Charles D'Amato, kif ukoll l-allegazzjonijiet l-ohra li ffurmaw il-bazi ghall-akkuza 11, li naqsu milli jinnotifikaw lil-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig bl-impieg tal-imputat Charles D'Amato, **<u>ma rrizultawx mill-provi prodotti</u>**.

L-akkuzi li ngiebu fil-konfront tal-imputati **<u>ma huma bbazati fuq ebda prova kontenuta fil-process, anke ghal dak li jirrigwarda l-*procès-verbal*</u>**. Il-Qorti fehmet li l-unika referenza li kien hemm ghall-allegati nuqqasijiet tal-imputati kien fil-konkluzjonijiet li wasslet ghalihom il-Magistrat Inkwerenti[43], li tghid:

---

[42] A fol. 1006 tal-*procès-verbal*.
[43] A fol. 64-77 tal-*procès-verbal*.

*"F'dan il-kaz ma hemmx dubju li l-vettura li kienet qed tinstaq tifforma l-parti l-aktar essenzjali mill-post tax-xoghol tas-sewwieq u li kemm min kien qed ihaddem dik il-vettura kif ukoll il-haddiem ghandhom obbligi u responsabbilitajiet kif provduti u regolati taht l-Att 424 dwar is-Sahha u Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol.*

*Illi* ***__mill-provi migbura__*** *jirrizulta:*

*(1) Li s-sidien tal-vettura ma taw l-ebda informazzjoni, taghlim jew tahrig lis-sewwieq.*
*(2) Li is-sidien ma pprovdewx dik is-supervizjoni li huma mehtiega biex tigi zgurata s-sahha u sigurtà fuq il-postijiet tax-xoghol u cioè lis-sewwieq u fil-vettura.*
*(3) Li s-sidien ma hadu l-ebda mizuri ta' protezzjoni la fil-konfront tas-sewwieq biex jivverifika u jikkonferma li kien'posizzjoni li jipprovdi s-servizz minghajr riskju u lanqas fuq il-vettura nnifisha;*
*(4) U lanqas fir-rigward tal-bdil tar-rotta liema bdil sar b'semplici telefonata li s-sewwieq kellu jghaddi minn triq ohra u dan bla ma nghata xi informazzjoni jew saret xi supervizjoni.*

*[...]*

***__Illi in vista tal-provi kollha migbura matul din l-inkjesta u wara li kkunsidrat l-istess fid-dawl tal-ligijiet applikabbli__****,*

*principji u gurisprudenza il-Magistrat Inkwerenti tqis illi skont l-investigazzjoni u l-evidenza migbura, illi hemm bizzejjed fatti illi a bazi taghhom ghandhom jittiehdu passi wkoll kontra d-Diretturi ta' City Sight Seeing Malta Limited".*

Il-Qorti tifhem dak li sostniet id-difiza tal-imputati *"illi, b'kull dovut rispett, huwa fattwalment skorett illi dawn il-'konkluzjonijiet' wasslet ghalihom "mill-provi migbura matul l-inkjesta"! Hekk kif digà gie senjalat, l-ebda fatt ma jindika illi, b'xi mod, jistghu jwasslu ghal "ragunijiet bizzejjed" sabiex jitkomplew dawn il-proceduri fil-konfront tal-esponenti. Kien proprju ghalhekk li l-**<u>ebda espert li tqabbad mill-istess Magistrat Inkwerenti ma kkonkluda li l-esponenti b'xi mod naqsu mir-responsabbilitajiet taghhom bhala sidien tal-vettura de quo jew mill-obbligi taghhom qua 'haddiema'!"</u>**[44]*

**<u>Konkluzzjonijiet tal-Magistrat Inkwirenti</u>**

Il-Prosekuzzjoni fil-bidu ta' dawn il-proceduri ddikjaraw li l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati gew indikati mill-Magistrat Inkwirenti fil-proces verbal.

Fit-termini tal-artikolu 550 (1) tal-Kodici Kriminali l-process verbal maghmul regolarment, jista' mhux biss jinghata bhala prova fis-

[44] Nota ta' sottomissjonijiet tal-imputati Lee Anne Borg, Kim Degabriele, Noel Degabriele u Philip Degabriele

smiegh tal-kawza, izda dan jista' jsir *"minghajr ma jkun mehtieg li jinstemghu x-xhieda, l-periti jew persuni ohra li jkunu dehru fl-access"*.

Il-Qorti tal-Appelli Kriminali fl- ismijiet **Republika ta' Malta vs Jason Calleja** nghad li:-

> *"In linea generali, il-Magistrat Inkwirenti hu fdat lilu l- inkarigu li fil-kazijiet previsti mill-istess Titolu, jinvestiga ir- reat jew il-fatt rapportat lilu u/jew izomm l-access li l-ligi tipprevedi u fl-ahharnett jirredigi procès verbal li l-ligi stess tirregola u tattribwilu valur probatorju. Dan kollu jifforma parti integrali mill-process generali tar-ricerka tal-verita' u jikkonsisti principalment fil-gbir u preservazzjoni ta' dawk il-provi kollha, diretti u indiretti, li l-Magistrat Inkwirenti jirnexxilu jiddentifika bhala pertinenti ghal-grajja jew reat li jkun qed jinvestiga. Bhala tali, u kuntrarjament ghal dak li jigri f'certi sistemi kontinentali, l-Magistrat Inkwirenti mhux parti mill-pulizija u wisq inqas, mill-prosekuzzjoni; anzi jidher car li fis-sistema taghna huwa previst biex f'numru ta' kazijiet serji li l-ligi stess tispecifika, l-investigazzjoni ma ssirx biss, u l-provi ma jingabrux u ma jigux preservati biss mill-Pulizija, izda ukoll, anzi essenzjalment, minn persuni indipendenti mill-poter esekuttiv tal-Istat u li jiggarantixxu li r-ricerka tal-verita' ma tkunx inkwinata minn xi interessi hlief dak suprem li kollox isir skond il-haqq u l-gustizzja. Rwol dan, li Lord Tucker, fl-appell quddiem il-*

*Privy Council in **re Regina vs George Terreni,** obiter, iddeskriva bhala "a good way of preserving evidence".*

Is-sentenza tipprovdi ukoll li:-

*".. certi decizjonijiet il-Magistrat Inkwirenti bilfors johodhom, anzi, jista' jigi affermat li minghajr l-ezercizzju ta' din il-funzjoni, l-ufficcju tieghu, f'diversi kazijiet jisfa' bla sens. Hekk, per ezempju, f'kazijiet ta' mewt rapportati lilu, huwa ghandu jindaga c-cirkostanzi li wasslu ghal dik il- mewt u jistabbilixxi hiex aktarx jew certament wahda accidentali u indipendenti minn kull htija doluza jew kolpuza ta' terzi jew inkella hiex proprju ir-rizultat ta' tali komportament ta' terzi. L-istess jinghad ghal kazijiet fejn jigu rapportati lilu eventi li prima facie ikunu jipprezentaw sembjanzi ta' reat.*

*Hi certament l-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti li jinvestiga, okkorrendo permezz ta' esperti, c-cirkostanzi kollha tal- kaz u jipprova jasal ghal konkluzjoni dwar jekk verament sarx reat u jekk hemmx provi tali li jippuntaw lejn xi hadd partikolari li jista' jigi investigat ulterjorment jew addirittura akkuzat. Certament m'hix il-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti li jiddeciedi li ghar-reat investigat minnu huwa certament jew probabbilment responsabbli xi hadd partikolari, ghax kif inghad huwa ma jagixxix qua Qorti, la ta' Istruttorja w inqas ta' Gudikatura.*

*Izda hija certament il-funzjoni tieghu li jiddeciedi l-ewwel hemmx provi sufficjenti li verament sar reat u t-tieni jekk a bazi tal-provi - indipendentement mill-apprezzament taghhom - hemmx bizzejjed biex jinghad li xi hadd partikolari jista' possibilment ikun passibbli ghal proceduri kriminali. Dan mhux biss jikkostitwixxi funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti, izda, fil-fehma ta' din il-Qorti huwa addirittura dover tieghu."*

Dan kollu jfisser li jekk tigi rapportata mewt ta' persuna lil Magistrat Inkwirenti, huwa d-dover tieghu li jigbor u jippreserva l-provi kollha possibbli u mhux biss jistabbilixxi li verament saret mewt, izda kif dik il-mewt giet jew setghet giet kawzata kif ukoll jekk hemmx provi bizzejjed biex xi hadd jista' jigi akkuzat b'dik il-mewt jew almenu jekk il-pulizija ghandiex tkompli bl-investigazzjonijiet taghha in generali jew f'linja partikolari. Dan, evidentement jinvolvi ezercizzju ta' diskrezzjoni mill-Magistrat Inkwirenti li ghalkemm huwa limitat, dejjem irid isir u li necessarjament jinkludi sa' certu livell apprezzament ta' provi.

S'intendi, dan kollu irid isir fil-parametri ta' dak li hu lecitu, tenut kont tal-figura u funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti u tal-importanza tar-rizultat tax-xoghol tieghu fil-process penali. Ma jistax, per ezempju, l-Magistrat Inkwirenti fil-kors normali tal-affarijiet, jiddeciedi li jikkontraponi xhieda ma ohra u jistabbilixxi liema wahda mit-tnejn jew

aktar timmerita li tigi emmnuta. Jista' invece jekk prova hija impossibbli li tkun vera, jissenjala dan, specjalment jekk dan jista' jkun ta' rilevanza. **In massima generali, pero', dak li huwa mportanti huwa li bhal Magistrat li jippresjedi fil-Qorti ta' Istruttorja, l-Magistrat Inkwirenti ma jusurpax il- funzjonijiet ta' gudizzju u valutazzjoni ta' provi li fil-process penali l-ligi tirriserva ghal haddiehor.** Hu importanti li l- Magistrat Inkwirenti izomm ma dan il-parametru ghaliex il-ligi taghti importanza kbira lill-investigazzjoni li jkun ghamel u l-process verbal li jkun irrediga hu wkoll hu moghti valur probatorju fil-process penali.

**Responsabbilta vikarja**

Il-Prosekuzzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha semmiet ir-responsabilta vikarja tal-imputati.

Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

> *"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."*

Illi minn qari akkurat tat-tahrika mahruga fil-konfront ta'l-imputati **Lee Anne Borg, Kim Degabriele, Noel Degabriele, Philip Degabriele** jirrizulta illi l-partikolarijiet taghhom gew indikati korrettament sabiex b'hekk ma hemm l-ebda dubbju dwar l-identita taghhom. Lanqas ma hemm dubbju dwar in-natura tar-reat jew reati li jinsabu akkuzati bihom fl-imsemmija tahrika. Jirrizulta izda illi dawn ir-reati gew addebitati lilhom bhala rapprezentanti ta' korp guridiku billi ma kinux huma fizikament li allegatament wasslu ghall-event dannuz mertu tal-kaz, fejn allura hemm imfisser fl-akkuzi bhal fatt illi il-vesti li fiha qed jigu imharrka huwa bhala diretturi tas-socjeta City Sightseeing Malta Limited.

Illi dwar ir-responsabbilta vikarja jitkellem l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:

> **"Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-egħmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat."**

Dan ifisser allura illi ir-responsabbilta' kriminali hija wahda personali u mhux wahda rapprezentattiva jew nomine kif inhi fil-kamp civili. Ghalhekk ma hemmx ghalfejn li l-imputati jigu iccitati fil-vesti ta' direttur jew in rapprezentanza ta' xi socjeta' kummercjali. Bizzejjed li jigi citat b' mod car ghal dak li jirrigwarda l-konnotati taghhom personali w li mill-korp tal-akkuza jkun jidher car li qed jigu mharrka jew akkuzati minnhabba r-responsabbilta' vikarja taghhom bhala ufficjali/diretturi tal-korp. Dak li irid jirrizulta mill-provi, izda hu li fil-fatt huma kienu id-diretturi, jew ufficjali tal-korp li tiggestixxi l-post fejn ikun sar ir-reat u li huma allura qed jigu akkuzati ghal din ir-raguni.

Kif gie ritenut mill-Qorti fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Joseph Bonnici** [26.5.1995][45]:-

> "*Meta persuna tigi biex twiegeb ghar-reat kommess minn ghaqda jew korp ta' persuni in forza ta' l-artikolu 322 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija jew in forza ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap.249], it-tahrika ghandha tohrog kontra d-direttur, manager, ecc. f' ismu personalment, fis-sens li hu personalment irid iwiegeb ghall-akkuza, u f' kaz ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena, tali piena, sia jekk pekunjarja sia jekk restrittiva tal-liberta' personali, tigi inflitta fuqu u tigi skontata minnu.*"

[45] Onor. Prim' Imhallef Emeritus Dr. Vincent De Gaetano

**<u>Izda</u>**:

> *"….meta l-prosekuzzjoni tkun qed tipotizza, kontra tali direttur, manager jew segretarju, reat kommess minn ghaqda jew korp, u li ghalih hu jrid iwiegeb personalment, **<u>fl-imputazzjoni jew fl-akkuza</u>** – mhux fl-isem tal-imputat jew akkuzat, cioe' mhux fl-okkju tal-kawza – **<u>ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi imsejjah biex iwiegeb ghal reat kommess mill-korp jew ghaqda: cioe' ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi mharrek jew akkuzat minhabba r-responsabilta' vikarja tieghu</u>**. Jekk mhux ghal xi haga ohra, tali indkazzjoni hi mehtiega sabiex l-imputat jew l-akkuzat ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu.*[46]"

Stabbiliti dawn il-principji ta' dritt in konnessjoni mar-responsabbilta' vikarja li jista' ghandhom l-imputati ghall-akkuzi dedotti fil-konfront taghhom, jibqa' ghalhekk biex jigi determinat jekk *prima facie* giex ippruvat illi fil-vesti taghhom kif indikat fl-akkuza huma jistghux jinzammu responsabbli ghall-incident li sehh, b'xi att ta' kommissjoni jew ommissjoni, liema ezercizzju l-Qorti ghamlitu aktar 'il fuq.

Fl-atti tal-inkjesta' m'hemm l-ebda prova li tista' titqies fil-livell ta' *prima facie* fil-konfront tad-diretturi tas-socjeta City Sightseeing Malta Limited. Tezisti prova min kienu d-diretturi tas-socjeta meta sehh l-incident u tezisti prova ta' min kienet il-vettura dakinhar tal-incident.

---

[46] App. Inf. Il-Pulizija vs Patrick Vella – deciza 31/08/2006

L-uniku direttur mill-erbgha li xehed fl-atti tal-inkjesta' kien Kim Degabriele u mix-xhieda li ta, u x-xhieda li nghatat minn kull min xehed fl-inkjesta ma hemmx l-icken prova fil-livell li trid tinvestiga din il-Qorti f'dan l-istadju kif dahlet fid-dettal aktar 'l fuq li jwassal biex ikun hemm *prima facie* ghaliex ghandhom iwiegbu id-diretturi tas-socjeta City Sightseeing Malta Limited inkluz l-imputazzjonijiet marbuta mas-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol.

Kif inghad diga, filwaqt illi *prima facie* hemm provi illi l-imputati Lee Anne Borg, Kim Degabriele, Noel Degabriele u Philip Degabriele kienu diretturi tas-socjeta City Sightseeing Malta Limited, izda mhux l-istess dwar ness bejn il-persuni ta' l-imputati jew xi wiehed jew wahda minnhom u l-event dannuz mertu ta' dan l-kaz.

**KONKLUZZJONI DWAR PRIMA FACIE**

Illi, ai termini tal-Artikolu 401(2) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti issa trid "*tiddecidi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqiegħed taht att ta' akkuza*".

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeciedi:**

- li **hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat Charles D'Amato jitqieghed taht att ta' akkuza; ghalhekk tibghatu biex joqghod taht dak l-att quddiem il-Qorti kompetenti**;

Wara li rat dak sostnut mill-Qorti Kriminali fl-atti tal-Istruttorja fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara, Spettur Dennis Theuma v. Joseph Lebrun**[47] fejn ddikjarat li:

> *"Din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha migjuba sa l-imsemmija data, hija tal-fehma li kien hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat Lebrun jitqieghed taht att ta' akkuza. Dawn il-provi, fl-istragrandi maggoranza taghhom indizzjarji, meta mehuda fl-assjem taghhom, huma bizzejjed biex jindikaw probabbilta' ta' htija fir-rigward ta' xi wahda jew aktar mill-imputazjonijiet dedotti kontra l-intimat Lebrun fir-rapport tal-pulizija (fol. 1) imwettaq bil-gurament (fol. 7). Huwa dan u dan biss li hu mehtieg li jigi determinat f'dana l-istadju".*

U wara li rat dak li intqal minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fid-digret surreferit **<u>Il-Pulizija vs. Gianluca Caruana Curran et</u>**, li citat id-digriet fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Nicholas Ellul</u>**:

> *"Jekk ma hemmx provi fi-sens ta' nuqqas totali ta' provi prodotti minn dawk viva voce quddiem l-istess Qorti fil-presenza tal-imputat jew f'kaz li l-istess provi jkunu manifestament insufficjenti, il-Qorti ghandha tillibera."*

---

[47] Moghti mill-Prim Imhallef Vincent Degaetano fit-3 ta' Mejju 2007

Tal-istess fehma kienet il-Qorti fid-digriet surreferit **<u>Il-Pulizija vs. Giovanni Calcaterra</u>**, fejn ikkonkludiet li:

> ***"fil-fehma tal-Qorti f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni bil-kwalità u n-natura tal-provi prodotti minnha sa' dan l-istadju <u>ma rnexxilhiex tasal li tikkonvinci lil din il-Qorti li, imqar fuq bazi ta' probabiltà, tista' tinstab htija kontra l-imputat</u>."***

F'dan il-kuntest ghandu jigi mfakkar ukoll il-konkluzjoni li wasslet ghalija l-istess Qorti fid-digriet surreferit fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Robert Sant et</u>** fejn, ic-cirkostanzi komparabbli ghal dawk odjerni, sabet li:

> *"ma jidhirx li a bazi tal-provi prodotti, tirrizulta, prima facie, kondotta volontarja negligenti, da parti tad-diretturi tas-socjetà Seabank Hotel and Catering Limited, segwita b'ness ta' kawzalità mal-mewt ta' Maksims Artamonovs, hekk kif ma jidhirx, prima facie, li a bazi ta' dawk l-istess provi, dawn id-diretturi jistgu tinstabu hatja ta' omicidju involontarju".*

**Il-Qorti tiddeciedi li mill-provi prodotti – fi grad tal-*prima facie* - ma rrizultawx ragunijiet bizzejjed sabiex l-imputati Lee Anne Borg, Kim Degabriele, Noel Degabriele u Philip Degabriele jitpoggew taht att ta' akkuza, ghaliex ma hemmx provi prima facie li jindikaw li kien hemm xi kondotta volontarja negligenti da parti l-imputati**

**konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza, traskuragni, jew ta' hila fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti u ordinijiet li tkun segwita b'ness ta' kawzalità minn akkadut dannuz involontarju.**

**U GHALHEKK:**

- **m'hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputati Lee Anne Borg, Kim Degabriele, Noel Degabriele u Philip Degabriele jitqieghdu taht att ta' akkuza u konsegwentement tordna l-liberazzjoni taghhom mill-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom.**

B'applikazzjoni ta'l-artikolu 401(3) tordna li l-atti tal-kumpilazzjoni jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien mghoti mill-Ligi flimkien mal-oggetti li ghandhom x'jaqsmu mad-delitt.

**DR JOSEPH MIFSUD**
**MAGISTRAT**